NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 107

Lulju - Settembru 2022

## Stqarrija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Bħal kull organizzazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kellu jirrestrinġi ħafna mill-ħidma tiegħu matul il-perijodu tal-Covid-19. Madanakollu, il-Kunsill xorta waħda kien qed jiltaqa' b'mod virtwali, l-aktar il-laqgħat regolari tal-Kunsill ta' kull l-ewwel Tnejn tax-xahar. Fuq kollox, il-Kunsill kellu, għal aktar minn darba, jipposponi l-Laqgħa Ġenerali ta' kull sentejn li soltu ssir f'Marzu u li fiha suppost li jsiru l-elezzjonijiet għar-rappreżentanti fl-istess Kunsill.

Madankollu, sa fejn seta' u sa fejn kien possibbli, il-Kunsill xorta waħda kompla bil-ħidma tiegħu. Il-Kunsill baqa' l-ħin kollu konxju tas-sitwazzjoni mwiegħra frott tal-pandemija l-aktar it-tbatija li kellhom isofru bosta anzjani u l-familjari tagħhom speċjalment dawk li ħallsu l-akbar prezz billi tilfu ħajjithom.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ma jistax ma jirrikonoxxix il-ħidma kbira li saret minn bosta Maltin u s-sagrifiċċji li kellhom jagħmlu dawk kollha nvoluti biex jieħdu ħsieb lil dawk li ntlaqtu mill-Covid-dsatax waqt li ħadmu bla heda biex ifittxu jtemmu l-pandemija u l-effetti tagħha. B'mod partikulari, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jixtieq jiżżi ħajr lill-Awtoritajiet tas-Saħħa li fuqhom waqa' l-akbar piż tat-teħid tad-deċiżjonijiet; lill-*Front-Liners* kollha; it-tobba, l-ispeċjalisti, in-*nurses*, il-paramediċi u tant ħaddiema oħrajn f'dan il-qasam li għexu din l-esperjenza.

**Ħajr lill-Forzi tal-Ordni li, fil-maġġoranza tagħhom, għamlu ħilithom biex irażżnu l-attitudni ta' dawk li, sfortunatament, ma fehmux l-esiġenzi u l-perikli li tista' ġġib magħha l-pandemija. Lil dawk l-eluf ta' persuni li, taħt xi forma jew oħra, minn żmien għal żmien, ipprovdew servizz utli lil dawk l-anzjani li ma setgħux joħorġu minn djarhom. Fl-istess waqt, jagħti l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lil dawk kollha li tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom.**

Fl-aħħar nett, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jixtieq iqawwi l-qlub tal-anzjani Maltin u Għawdxin biex ikomplu jħarsu lilhom infushom mill-effetti li tista' thalli fuqhom il-pandemija u jħarsu 'l quddiem lejn żminijiet aħjar li, nittamaw, mhumiex wisq 'il bogħod.

Nazju Abela
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

## F'din l-edizzjoni...



10
**Publio Agius**
*Intervista minn Nazju Abela*

# Ittra lill-Editur



Editur, *L-Anzjani Llum*,
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani,
Triq Dom Mawru Inguanez,
Birkirkara, BKR 4811

Sur Editur,

L-ewwel nett, nittama li int u l-għeżież tiegħek tinsabu tajbin.

It-tieni nett, prosit u grazzi mill-qalb għall-*magazine L-Anzjani Llum* għax, barra li hu tassew interessanti u informattiv għalina l-anzjani, l-artikli li jkun fih huma varjati ħafna wkoll.

It-tielet nett, wara li rtirajt mid-Dwana, jien erġajt bdejt inpitter u anki ħadt sehem b'għadd ta' kwadri f'Esebizzjoni tal-Arti organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani xi snin ilu. Il-President tal-Kunsill, is-Sur Peter Paul Bonnici, għandu konoxxenza tiegħi għax aħna ħbieb.

Ftit jiem ilu, lestejt riproduzzjoni tal-kwadru tal-famuż pittur Olandiż, Rembrandt, li juri l-Appostli flimkien ma' Gesù meta kienu fuq dgħajsa waqt maltempata, Ġesù raqad u l-Appostli beżgħu li ser jegħrqu. Minbarra pitturi originali, jien inħobb inpitter ukoll riproduzzjonijiet skont il-perijodu li nkunu għaddejjin minnu. Minħabba li, f'dawn l-aħħar sentejin u nofs, id-dinja għaddiet minn żmien ta' taqlib kbir, speċjalment minħabba l-pandemija, kont ispirat minn dan il-kwadru ta' Rembrandt għax, għalkemm kultant lil Gesù naħsbuh rieqed, Huwa dejjem ikun magħna, fuq id-dgħajsa u, allura, għandna dejjem niffaċċjaw il-ħajja b'kuragg!

Għalhekk, jekk jogħġobkom tippubblikaw dan il-ħsieb flimkien mal-pittura tiegħi, ikun ta' sodisfazzjon għalija għax dan jista' jkun ta' ispirazzjoni għal xi wħud li, forsi, jaħslu ser jaqtgħu qalbhom.

Inselli għall-membri kollha u nitlobkom issellluli għall-President tal-Kunsill, is-Sur Peter Paul Bonnici, għax ili daqsxejn ma niltaqa' miegħu.

Dejjem tiegħek
Frank Agius

## Merħba

### lill-Onor. Mr. Jo Etienne Abela, MD, MPhil, MRCS, FRCS, FEBS, MP Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva



Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifirħu u jawguraw lill-Onor. Mr. Jo Etienne Abela, MD, MP, għall-kariga ġdida tiegħu bħala Ministru responsabbli mill-Anzjani u l-Anzjanità Attiva. F'din l-okkażjoni ta' ferħ, nuru r-rispett u s-solidarjetà tagħhna miegħu u, bħalma għamlilna fl-imgħoddi, mal-predeċessur tiegħu, noffrulu s-servizzi tagħhna ħalli nkomplu naħdmu flimkien b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.

Nixtiequ navvżaw li minn issa wieħed jista' jibgħat l-emails fuq dan l-email il-ġdid tal-Kunsill li huwa **maltakna@gmail.com** filwaqt li għal aktar tagħrif issa wieħed jista' jidħol fuq il ***Facebook Page, Instragram***, u ***Twitter*** billi tiktbu knamalta u fuq l-***Website*** – www.kna.org.mt

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Joseph Zammit

**Ass. Segretarja:**
Mary Farrugia

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Emmnuni li, kultant, inkun ser naħbat naqta' qalbi minn ħutna l-bendmin! Għaliex qed ngħid hekk? Għax, ħafna drabi, ħlief *hate-speech*, għira, mibgħeda, kilba, rebgħa, negattiviżmu u dwejjaq ma nismax. Imma, darba kultant, nisma' xi storja li tagħmilli ftit tal-kuraġġ ukoll għax ngħid, għall-inqas, baqa' xi ftit tat-tama; fadal ftit minn dawk li, forsi għax jiftakru l-għeruq tagħhom, jafu jkunu altruisti u pożittivi; ġenerużi u filantropiċi u, allura, għandhom sens qawwi ta' empatija u jaħsbu fl-oħrajn li huma inqas ixxurtjati minnhom.

Bħalissa qed tiġini f'moħħi *Mother Teresa* li rrinunzjat għal ħajja miżżewġa ma' wieħed li kienet tħobbu u huwa kien iħobbha u ddedikat ħajjitha biex tgħin lill-proxxmu tagħha. Jirrakkuntaw li, darba, mar iżurha wieħed sinjur u, meta raha taħdem qalb il-faqar, il-ħmieġ, il-mard u l-mewt tal-miżerja umana, qalilha: "Lanqas għal miljun lira kuljum ma nagħmlu dan ix-xogħol jien!" U *Mother Teresa* kienet pronta tgħidlu: "Lanqas jien!" "X'jiġifieri?" staqsieha l-ieħor. "Jien, dan ix-xogħol nagħmlu għall-imħabba t'Alla u tal-proxxmu," qaltlu *Mother Teresa*; "għal miljun lira kuljum ma nagħmlux!"

Xi kliem ta' ispirazzjoni għalina lkoll, hux? Anki jekk ma tkun temmen f'ebda reliġjon, ukoll ta' min jixtarru. Għalhekk sabiħ kliem Kristu meta qalilna, "Agħmlu ma' ħaddieħor dak li tixtiequ li ħaddieħor jagħmel magħkom!" Int x'int, dan il-kliem dejjem jgħodd għalik għax mhuwiex twemmin imma mod kif wieħed għandu jgħix sewwa. Kieku kulħadd jimxi hekk, fid-dinja la hawn ġuħ, la hawn faqar, la hawn inġustizzji u lanqas hawn gwerer.

Però, din id-darba, kien aneddotu ieħor li ispirani nikteb dan l-editorjal; mhux *Mother Teresa*. Fost il-ħafna mbarazz li jkun hemm fuq *facebook*, iltqajt ma' storja oħra ħelwa ta' dan it-tip li tant laqtitni li ddeċidejt li nġibha għall-attenzjoni tagħkom. Forsi ħafna minnkom qatt ma semgħu b'ċertu Sadio Mane. Dan huwa *player* tal-*football* mis-Senegal li jilgħab mat-*team* ta' *Liverpool*, fl-Ingilterra. Huwa jaqla' iktar minn għaxar miljun dollaru fis-sena.

Ftit ilu, xi ħadd intebaħ li l-*iPhone* li kien qed iġorr huwa mxaqqaq. Meta staqsewh għala, wieħed li jaqla' dawk il-miljuni kollha fis-sena, għandu jkollu *smartphone* mxaqqaq, Sadio Mane weġibhom hekk: "Jien x'irridhom xi għaxar karozzi *Ferrari*; xi għoxrin arloġġ tad-djamanti u xi żewġ ajruplani? Meta kont żgħir, kont bil-ġuħ, kont naħdem fl-għelieqi, nilgħab il-ballun ħafi u ma kontx immur skola. Illum, qiegħed f'pożizzjoni li ngħin lil ħaddieħor! Nippreferi nibni l-iskejjel u naghti l-ikel, il-ħwejjeġ u ż-żraben lill-foqra! Bnejt kemm skejjel kif ukoll *grounds* tal-*football* għal min qatt ma seta' jkollu dawn l-affarijiet. Barra minn hekk, naghti sebgħin ewro kull xahar lil nies li huma ġejjin minn familji fqar ġewwa s-Senegal. M'għandix għalfejn noqgħod niddandan b'ħafna karozzi lussużi, vilel moderni, ajruplani u vjaġġi. Nippreferi li niesi jduqu ftit minn dak li tatni l-ħajja!

Ħa ngħidilkom ta! Illum nisimgħu b'ħafna *footballers* li, suppost, jiswew il-miljuni imma, għalija, Sadio Mane huwa imprezzabbli!

Bħal dejjem, nixtiqilkom is-saħħa u s-sliem.

# Assemblea Ġenerali Annwali 2022
# INDIRIZZ MIS-SUR PETER PAUL BONNICI
## *President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani*



Merħba.

Hu ta' privileġġ għalija nindirizza din l-Assemblea Ġenerali Annwali 2022.

Ippermettuli nintroduċi lili nnifsi. Jiena Peter Paul Bonnici President attwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li ġejt maħtur f'Awwissu tal-2021. Hu ta' unur għalija li qed immexxi Kunsill kompost minn Membri ħabrieka li lkoll jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-Kunsill skont il-ħiliet li kisbu fid-dinja tax-xogħol, rispettivi tagħhom.

L-iprem fost il-kisbiet tal-Kunsill, kienet bla dubju, l-aħbar li tat prestiġju u rikonoxximent misthoqq, il-ħatra tas-Segretarju Internazzjonali tal-Kunsill, Dr Anthony De Giovanni li sab postu bħala Viċi-President tal-AGE Platform fi Brussell bil-kisba ta' voti sostanzjali mill-kollegi tagħna Ewropej. Dan kien akkwist mhux biss għal Kunsill iżda wkoll bħala Malti. Hawnhekk nitlob lil Dr. De Giovanni, sabiex ma kull ħarġa tal-Magażin, iżommna aġġornati fuq żviluppi li jkunu seħħew fl-*AGE Platform*.

Tul dawn il-ftit xhur, il-Kunsill għadda minn trasformazzjoni sostanzjali bl-introduzzjoni ta' *Website* ġdida u friska, kif ukoll *Facebook Page, Instagram, u Twitter*. Għal dan l-għan ħadmu qatieh u bla heda, is-Sur Josiah Grech, l-Assistent PRO u s-Sinjura Marica Attard-Cassar, is-Segretarja Amministrattiva, li għal ġimgħat shah u ħinijiet twal, taw prodott professjonali li tapoġġa b'servizz informattiv għal-anzjani mill-kumdità' ta' djarhom.

Wkoll, ma rridx ninsa' l-introduzzjoni tal-emblema ġdida tal-Kunsill, għal dehra aktar friska u moderna. Dan kif qed taraw mehmuża ma' dan l-indirizz.

Il-Kunsill ħaseb biex jirrivampja il-Magażin – L-Anzjani Llum, b'dehra u kulur miżjud biex b'hekk jkun attraenti għal anzjani tagħna, speċjalment għal dawk li jsibuha bi tqila biex jagħmlu użu mit-teknoloġija diġitali u b'hekk iżommu ruħhom aġġornati. Hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lil Editur is-Sur Vincent Piccinino u l-Bord Editorjali kollu. Ħdimna u nkomplu naħdmu aktar mill qrib mas-Sur Mario Fava, mill Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għat-tixrid tal-informazzjoni bis-saħħa ta' parteċipazzjoni aktar effettiva mill-Kunsilli lokali kollha, inklużi dawk Għawdxin.

Kienet ta' dispjaċir li l-Kunsill, minħabba il-pandemija, ma setax jiltaqa' mall-għaqdiet affiljati biex naħdmu għal aktar għarfien tal-problemi li jifaċċjaw l-anzjani tagħna f'oqsma diversi fil-komunitajiet, għalkemm kuntatt inżamm. Issa li jidher li l-effetti tal-pandemija qed ibattu, il-Kunsill jixtieq, li bħal passat, jiltaqa' mar-rappreżentanti tal-anzjani u mall-assoċjazzjoni tal-Ħbieb tal-Morda u Anzjani f'Għawdex, ħalli jiġu indirizzati dawk il-problemi li jolqtu din il-komunità.

F'Ottubru tal- 2021, il-Kunsill intalab mill-*AGE Platform*, taħt l-*Open Ended Working Group* jew kif inhi magħrufa OEWG, biex jinxtered għarfien aktar effettiv mall-ogħla awtoritajiet f'pajjiżna u għalhekk, it-tliet għaqdiet li huma rappreżentanti fl-*AGE*, il-KNA, l-NAP u Nanniet Malta, ingħaqadna taħt it-tmexxija tiegħi, biex niltaqgħu mal-President tar-Repubblika, il-Ministru Michael Farrugia inrappreżentanza tal Anzjanità Attiva, u l-Kap tal-Oppożizzjoni, biex dan l-operat ikun ta' suċċess u jwassal għal konvenzjoni tal-UN. Rapport minn għandi kien mibgħut lil *AGE Platform* wara dawn il-laqgħat.

B'dispjaċir ninnota li l-kera tal-fond tal-Uffiċċju tal-KNA, li hu propjetà tal-Awtorità ta' Djar, żdiedet b'mod qawwi bir-riżultat li saret problema biex inkunu nistgħu nħallsu kera ogħla.

**Is-Sitwazzjoni tal-Anzjani f'Malta**

Jekk inħarsu lejn figuri bażiċi, malajr nindunaw li l-indikaturi ta' anzjani f'Malta b'120,000+ (jew 24% tal-popolazzjoni attwali), tiżboq sew dik mondjali, li sa 2050, din ser tilħaq it-22%. Ifisser li f'pajjiżna dan ser ikun ta' piz ekonomiku aktar qawwi, mill-kumplament tad-dinja.

- F'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi relatati mas-saħħa ta' kwalità, dan għandu jkun tal-ogħla livell bl-inqas skariġġ, b'enfasi fuq djanjosi effettiva u prevenzjoni f'waqtha, sabiex monitoraġġ fuq saħħet l-anzjan tkun magħmula b'mod regolari b'interventi fil-ħin.
- Formularju rivedut tal-mediċini li jiggarantixxi kwalit lil anzjani.
- Akkomodazzjoni għall-anzjani kemm fil-komunità inklużi l-kirjiet, kif ukoll fid-djar tal-anzjani. Attivitajiet fiżiċi aktar personalizzati.
- L-anzjani, se jkunu l-benefiċjarji ewlenin tal-qalba diġitali. Is-suċċess ta' din il-politika, tiddependi fuq il-mod kif ħa niffaċilitaw it-tagħlim relattiv. Huwa fatt, li dik imsejjħa *silver economy* tikkontribwixxi sostanzjalment għal aktar dħul fl-ekonomija tagħna u dan grazzi għall-kummerċ aktar effiċjenti u mgħaġġel.
- L-għan aħħari sabiex jgħin l-anzjan jgħix aktar fit-tul bl-aqwa kwalità ta' ħajja possibbli, bid-diffikultajiet u l-mard li jista' jkollhom.
- L-anzjanita' attiva tgħin b'mod effikaċi, kif jipparteċipaw sija mill lat ta' ħajja fil-komunita' kif ukoll fid-dinja tax-xogħol. Din tal-aħħar tista' tintlaħaq bl' leġislazzjonijiet effettivi u effiċjenti ħalli jiġu ggarantiti dawk is-salvagwardji li jbegħdu l-ispettru tal-prekarjat fuq l-anzjan fis-suq tax-

xogħol.
- Il-Mard Mentali għolla rasu waqt il-pandemija fejn laqat kull settur u faxex soċjali, dan b'mod qawwi fil-kaz tal-anzjani. Servizzi personalizzati għall-kura ta' din il-marda kiefra, jeħtieġ li jiżdiedu b'mod esponenzjali.

Dawn il-problemi li semmejna hawn fuq, iżda mhux biss, kienu trattati waqt il-Plenarja fil-Parlament, li ġiet organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani bis-sehem tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, qabel ma faqqet il-pandemija f'Ottubru tal-2019. Dawn is-suġġetti ġew diskussi interġenerazzjonalment fuq suġġeriment tal-Eċċellenza Tiegħu il-President George Vella waqt laqgħa ta' kortesija li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kellu f'April tal-istess sena.

Membri fiż-żewġ Kunsilli Nazzjonali kemm tal-Anzjani kif wkoll taż-Żgħażagħ iddibattew bis-sostenn ta' diversi Akkademiċi, Caritas, NSO u oħrajn. Kien eżerċizzju li l-parteċipanti kollha tgħallmu kif iħarsu lejn l-anzjan u ż-żagħżugħ. L-għaqdiet affiljati mal-KNA taw sehemhom b'mod effettiv.

U ma nistax nalaq dan id-diskors mingħajr ma nsellem lil exmembri li ħallewna riċentament; lis-Sur Anthony Mulè Stagno, il-predeċessur tiegħi għal 4 snin, li sfortunatament ħalliena tliet xhur wara li temm il-kariga tiegħu minn President tal-KNA. Lis-Sur Joe Vella Caruana li kien membru nominat mill-Gvern fuq dan il-Kunsill tul dawn l-aħħar xhur, u lill-exmembru, is-Sur Louis Cilia li serva fuq il-Kunsill għal sentejn u li kien President tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti li hi waħda mill għaqdiet affiljati mall-KNA. Filwaqt li niżżihom ħajr ta' kull ma għamlu fi ħdan il-Kunsill nistidinkom tingħaqdu miegħi f'talba għal ruħom u anke jekk hemm xi oħrajn li ma nafux bihom:



*Agħtihom oh Mulej il-mistrieħ ta' Dejjem, id-Dawl ta' Dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fis-Sliem, Ammen*

iex nikkonkludi. Il-KNA temmen bin-numri jiżdiedu tal-anzjani, kif intqal aktar 'il-fuq, ikun xieraq li settur numeruż bħal tal-anzjani, jixraqlu rwol aktar attiv f'kull livell ta' governanza. Kull tentattiv biex l-anzjani jkunu rappreżentati fil-Kunsill Malti għal-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (MCESD), b'mod permanenti, b'vuċi f'dan il-forum, ġew injorati.

Nawgura lil Kunsill preżenti aktar ħidma fejjieda u ħajja dinjituża għal anzjani tagħna.

Grazzi

# Apprezzament
# Is-Sur Louis Cilia 1944 - 2022



Fit-8 t'April 2022, tħabret il-mewt tas-Sur Louis Cilia li kien il-President tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, li hija affijata mall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (il-KNA) kif ukoll il-President *tal-Mensija Circle of the Catenian Association.*
Louis kien inħatar Membru tal-KNA wara li kien nominat mill-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti u elett mill-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill li kienet saret f'Marzu tas-sena 2015. Is-Sur Cilia dam Membru tal-Kunsill għal sentejn sħaħ fejn ħadem u ta kontribut siewi b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.
Matul karriera twila fis-Servizz Pubbliku, Louis Cilia serva f'għadd ta' karigi għoljin. Fost oħrajn, kien maħtur fl-ewwel Bord tal-MEPA, illum, l-Awtorità tal-Ippjanar; kien Segretarju Permanenti ta' diversi Ministeri; kien Direttur tal-Ħabs u serva wkoll fil-Kumitat Konsultattiv tal-Gvern dwar il-Kaċċa, l-Ornis. Is-Sur Cilia rtira mis-Servizz Pubbliku meta laħaq l-età tal-pensjoni, fis-sena 2005.
Louis Cilia kien ukoll l-awtur ta' ktieb, dwar il-ħajja tal-eks Arċisqof ta' Malta, il-Monsinjur Mikiel Gonzi, u kien għadu kif spiċċa jikteb episodji ftit li xejn magħrufin mill-istorja ta' Malta li għad iridu jiġu ippubblikati. Dan l-aħħar, Louis kien qed jaħdem ukoll fuq il-biografija ta' Enrico Mizzi, eks Prim Ministru ta' Malta.
F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, aħna nagħtu l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familjari kollha tas-Sur Louis Cilia, b'mod speċjali lill-Martu, Sina, kif kollu lil uliedu, u nwiegħduhom li nibqgħu niftakru fih fit-talb tagħna.
Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.






# Assemblea Ġenerali Annwali 2022
# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2021

Bħas-snin ta' qabel fis-sena 2021 il-Kunsill żamm il-laqgħat kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, b'dawn l-eċċezzjonijiet: Il-laqgħa ta' Jannar ma saritx minħabba li ma kellniex kworum. Minn Frar sa Lulju l-laqgħat saru virtwalment minħabba il-Covid.
Is-Sibt, 31 tà Lulju 2021, saret l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill fejn ġew nominati kif ukoll ġew eletti membri ġodda, kemm fl-ewwel elezzjoni għall-erba' membri fuq il-Kunsill kif ukoll żewġ membri oħra li telgħu mill-*Floor*.
L-ewwel laqgħa bil-membri ġodda saret it-Tnejn, 2 t'Awwissu 2021, fejn inżammet f'Sala fil-bini tal-*General Workers Union* ġentilment mislufa lill-Kunsill minħabba l-kundizzjonijiet tal-pandemija fejn riedet tinżamm distanza skont ir-regoli maħruġa mill-Kummissarju tas-Saħħa Publika, u li fejn f'din il-laqgħa ġew maħtura l-Uffiċjali fuq il-Kunsill.
F'Settembru, Ottubru u Diċembru 2021 il-laqgħat bdew isiru kull l-ewwel Tlieta tax-Xahar minħabba li wħud mill-membri ma setgħux jattendu fil-ġurnata tat-Tnejn għax ikollom inpenji oħra. Dawn il-laqgħat saru fl-Uffiċċju tal-Kunsill dejjem bid-distanza skont ir-regoli maħruġa mill-Kummissarju tas-Saħħa Pubblika u dan sar kif suppost.
L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sentejn kienet tajba. (ara Appendiċi A).
F'din is-sena kellna ukoll diversi riżenji, u membri ġodda fuq il-Kunsill. Fi-Frar irriżenja is-Sur Anthony Deguara, li minħabba raġunijiet ta' saħħa ma setax ikompli fil-Kunsill. Huwa kien jirrappreżenta lill-Għaqda APAN u kien ilu membru fuq il-Kunsill mill-2015, fejn kien Assistent Segretarju kif ukoll Segretarju Onorarju. F'April kellna ir-riżenja tas-Sur Remigio Bartolo, mill-Għaqda APAN, li kien is-sostitut tas-Sur Anthony Deguara, li ma setax ikompli minħabba li kienu nqalawlu impenji familjari. F'Mejju kellu jirriżenja s-Sur John Mizzi, mill-Għaqda APAN, li kien is-sostitut tas-Sur Remigio Bartolo, dan kellu jirriżenja minħabba li huwa Kunsillier, u skont f'Sub Artikolu 3. 1. 4 tal-Istatut, ma jistax ikun membru fil-KNA. Fl-istess xahar ingħaqdet magħna s-Sinjura Mary Mangion, li ġiet sostituta tas-Sur John Mizzi mill-Għaqda APAN. F'Lulju kellna r-riżenja tas-Sur Joseph Micallef u s-Sinjura Pauline Zammit li kienu nominati mill-Gvern, u kellhom jirreżenjaw minħabba li kien inbidel is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attiva, l-Onorevoli Silvio Parnis, u kien ġie sostitut il-Ministru Michael Farrugia. F'Ottubru ġew nominati żewġ membri ġodda fuq il-Kunsill minn naħa tal-Gvern, is-Sur Lino Debono u s-Sur Joe Vella Caruana.
Nixtieq minn hawn niżżi ħajr lil dawn il-persuni kollha li rriżenjaw tas-sehem tagħhom fuq il-Kunsill.
Is-Segretarju bagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-membri li ma baqgħux fil-Kunsill u 'l dawk li m'għadhomx fil-kariga li kellhom. Ittra oħra ntbagħtet lill-Onor. Ministru Michael Farruġia biex jinnomina żewġ membri fuq il-Kunsill kif inhu mitlub fl-Istatut.
Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, kellha tinżamm l-elezzjoni għall-4 membri fuq il Kunsill. Minnħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, ġie deċis li ma ssirx laqgħa għad-Delegati. Il-Votazzjoni nżammet xorta billi d-Delegati setgħu jivvotaw billi jattendu l-Uffiċċju tal-KNA l-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021, bejn id-9:00 u 12:00 ta' filgħodu u kemm jivvutaw biss.
L-Elezzjoni li kienet miftuħa għal 21 Għaqda/Assoċjazzjoni li huma Affiljati mal-Kunsill. Minn dawn il-21 Għaqda rċievejna 10 formoli mimlija bl-ismijiet kemm tal-ħatriet kif ukoll b'tan-nominnazzjonijiet u li fejn minnhom kien hemm l-ismijiet tad-delegati biex jattendu għaliha.
Kull Għaqda kienet mitluba tibgħat 3 Delegati biex jivvutaw (Ara Attendenza tad-Delegati).

Sas-Sibt 22 ta' Mejju 2021, Il-Kunsill irċieva **5 Ħatriet** li dawn skont l-Artiklu 3. 1. 2 tal-Istatut huma diġà Eletti. Dawn Huma:
Żewġ membri minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet Poltiċi
**MANGION MARY** - APAN
**Dr. ANTHONY DE GIOVANNI** - VETERANI LABURISTI

Żewġ membri minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet Reliġjużi jew tal-Knisja
**ALFRED MALLIA** - CARITAS MALTA

**GRECH JOSIAH** - DJAR TAL-KNISJA GĦALL-ANZJANI

Membru wieħed minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet fil-Gzira ta' Għawdex
**FRANK MUMFORD** - ĦBIEB TAL-MORDA U TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX

U **4 Nominazzjonijiet** biss, u għalhekk din is-sena ma saretx Elezzjoni għax awtomatikament dawn ġew Eletti minnufih. Dawn huma:
**ATTARD SAVIOUR** (Ass. Membri U3E)
**BONNICI PETER PAUL** (Għaqda tal-Pensjonanti – U. H. M. )
**MICALLEF GODWIN C.** (Assoċjazzoni Nazzjonali tal-Pensjonanti – NAP)
**ZAMMIT JOSEPH** (Għaqda Anzjani Pembroke)

Is-Sibt, 31 ta' Lulju 2021, waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali, li saret fl-Istitut Kattoliku, Il-Furjana, saret elezzjoni oħra għal żewġ (2) Membri oħra għal fuq il Kunsill minn dawk preżenti skont subartikolu 3. 1. 3 tal-Istatut. Ġew nominati 4 persuni, Mary Farrugia, Charles Borg, Nazju Abela, u Ray Cardona, u ġew Eletti Mary Farrugia u Nazju Abela.

Kif diġà ntqal fl-intrudużżjoni It-Tnejn, 2 t'Awwissu 2021, saret l-ewwel Laqgħa tal-Kunsill bil-Membri l-ġodda, waqt il-Laqgħa saret il ħatra tal-Uffiċjali fuq il-Kunsill għall-2021-2023. B'voti unanimi l-Kunsill ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | Peter Paul Bonnici |
| VIĊI-PRESIDENT u U. R. P. | Nazju Abela |
| SEGRETARJU | Joseph Zammit |
| ASST. SEGRETARJA | Mary Farrugia |
| TEŻORIER | Gowin C. Micallef |
| ASSITENT TEŻORIER | Saviour Attard |
| SEGRETARJU INTERNAZZJONALI | Anthony De Giovanni |
| ASST. U. R. P. | Josiah Grech |
| MEMBRI : | Alfred Mallia, Mary Mangion u Frank Mumford |
| EDITUR "L-ANZJANI LLUM'' | Vincent Piccinino, li għalkemm mhux membru xorta aċċetta li jibqa' bħala Editur. |
| BORD EDITORJALI | Nazju Abela, Mary Farrugia, Josiah Grech u s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Marica Attard Cassar |

F'din is-sena għalkemm ħabbatna wiċċna ma' dil-misħuta Covid, xorta rajna kif għamilna u ħdimna kif stajna biex negħlbu din is-sitwazzjoni fejn kien hemm ħafna nuqqasijiet ta' laqgħat għalkemm ħafna minnhom saru virtwalment, dan għamilnieh dejjem biex intejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-Anzjani Maltin u Għawdxin. Forsi ta' min ifakkar li x-xogħol tal-Kunsill isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja.
Fost id-diversi kuntatti, laqgħat, stediniet u stediniet ta' *seminars*, *surveys* u affarijiet oħra, fejn il-membri taw kontribut sew għalihom, kemm li attendew personalment jew b'mod virtwali kif ukoll irrispondew fuq l-internet jew e-mails, kellna:
Kuntatti regolarment mal-E. T. Dott. George Vella, President ta' Malta, mal-Onorevoli Dott. Michael Farrugia, Ministru Għall-Anzjani u Anzjanità Attiva, ma' Dott. Maria Deguara, Kelliema tal-Oppożizzjoni Għall-Anzjani u Kura fil-Komunita', ma' Dott. Renzo De Gabriele, CEO ta' Dipartiment Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, mall-Kummissarju għall-Anzjani Dott. Mary Vella, fejn żewġ membri mill-KNA huma appuntati bħala membri fil-Kunsill tal-Kummissarju għall-Anzjani, u fejn minn żmien għal żmien isiru l-laqgħat. Laqgħat ta' konoxxenza u laqgħat oħra, konferenzi u stediniet kemm mill-Partit Laburista kif ukoll mill-Partit Nazzjonalista, laqgħat ta' konoxxenza mal-E. T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Assemblei Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mall-Kunsill, kif ukoll tal-*AGE Platform Europe*, apparti laqgħat oħra fejn Dr. Anthony De Giovanni kien hu bħala Kunsillier fuq dan l-*AGE Platform*.



Diversi laqgħat u suġġerimenti li bagħtna li saru mill-membri u oħra kienu:

- MEUSAC
- NCPE - *National Commission for the Promotion of Equality.*
- *Women Council*
- MCVS -*Malta Council for the Volunatar Sector.*
- MCESD – *The Malta Council for Economic and Social*

*Development*, fejn il-Kunsill qiegħed jirsisti biex ikolla rappreżentant fuq dan il-kunsill, għax iħoss li bħala Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li jirrapreżenta lill-anzjani Maltin u Għawdxin li jagħmlu aktar minn 25% tal-popolazzjoni, għandu jkollu rappreżentant.

- Konferenza għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2021, għat-Tnedija ta' Konsultazzjoni Pubblika fuq *Green Paper on Ageing: Fostering Solidarity and Responsibility between Generations.*
- *Focus Group* bl-isem *'Safety on the Road'*' li ġie mtella' minn Marica Fsadni *& Association*.
- Il-Kunsill bagħat il-Kummenti tal-KNA rigward *2020 Pensions Strategic Group Review Document for Public Consultation.* Dawn ġew mibgħuta lis-Sur Mark Musu - *Chairman*, *Pensions Strategic Group,* u kkupjati lil Prim Ministru, lil Kap tal-Oppożizzjoni, lil Ministeru għall-Anzjani u l-Anjanità Attiva, lil Ministeru Għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet ta' Tfal, u lil Kelliema tal-Oppożizzjoni Għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.
- *Elder Abuse in Malta: Myth or Reality?* Mtella' minn *The Maltese Association of Gerontology and Geriatrics* - MAGG
- Degabriele Dorothy *at* MSCA-AACC *webinar* - l-abbuż fuq l-anzjani
- Laqgħa mtella' minn Elaine Cutajar, mill-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet ta' Tfal - MSFC, *A Social Vision for Malta 2035 : Shaping the Future of Our Society,*
- Konferenza Nazzjonali dwar L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li ġiet organizzata mill-Ministeru Għall-Anzjani u Anzjanità Attiva



- Bagħtna wkoll diversi stqarrijiet għall-Istampa, rigward diversi materji. Fuq il-Pandemija, il-ħarsien tal-ambjent, l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill, Jum L-Anzjani - Nimxu Flimkien eċċ. . .
- Bagħtna proposti lill-Gvern għall-Baġit tas-Sena 2022.
- Bagħtna s-suġġerimenti lil Cynthia Formosa tal-Ministeru Għall-Anzjani u Anzjanità Attiva, rigward rapport Nazzjonali dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid għat-Tixjiħ u l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali (MIPAA/RIS) għal Malta.
- Fgura *Day* li ġiet organizzata mill-Kunsill tal-Fgura, fejn il-President tal-KNA, kien mistieden biex ikun fuq il-*panel* u jitkellem fuq l-Anzjani.
- Kuntatti mad-DIASPORA Malta, fejn niltaqgħu ma' Emigranti Maltin.
- Laqgħa virtwali li saret mal-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - AKL. Fil-fatt il- Kunsill (KNA) qiegħed f'kuntatt mal-AKL biex fuq bażi nazzjonali trawwem il ħsieb li kull Kunsill f'Malta jwaqqaf Għaqda tal-Anzjani fil-lokalita' tiegħu *vis-à-vis* ukoll il fatt li llum il-Kunsilli Lokali bl-emendi fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali jridu jaħtru Kunsillier responsabbli mill-anzjani fil-lokalità tagħhom.
- Il-Kunsill flimkien mall-Għaqda Nanniet Malta u l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, ġew mitluba mill-*AGE Platform*, taħt l-*Open Ended Working Group* - OEWG biex jaħdmu flimkien biex jinxtered għarfien aktar effettiv mal-ogħla awtoritajiet ta' pajjiżna biex iqajmu għarfien fuq drittijiet u obligi fuq l-anzjani, kif ukoll tinbena soċjetà bbażata fuq is-solidarjetà speċjalment l-aspett interġenerazzjonali.

It-Tliet Għaqdiet, taħt it-tmexxija tal-President tal-KNA, Peter Paul Bonnici, għamlu diversi kuntatti fosthom mall-E. T. Dott. George Vella President tar-Repubblika ta' Malta, l-Onor. Dr Robert Abela, Prim Ministru ta' Malta, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP, Kap tal-Partit Nazzjonalista, l-Onor. Dr Michael Farrugia MD, MP, Ministru Għall-Anzjani u Anzjanita' Attiva, l-Onor. Ministru Dr. Michael Falzon LLD, MP, Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor, Dr Maria Deguara MD, MP, Kelliema tal-Oppożizzjoni Għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, l-Onor. David Agius MP, Deputat Kap u Kelliemi fuq il-Pensjonijiet, u mall-Kummissarju tal-Anzjani, Dr Mary Vella. Fejn ħarġu Rapport sħiħ u bgħatuh lill-*AGE Platform Brussels*.

Minn naħa tal-*AGE Platform Brussels*, irringrazzjaw u apprezzaw il-ħidma li wettqu it-tliet għaqdiet.

## L-Emblema tal-KNA

F'Settembru ntwera interess li jsir bdil fl-emblema tal-Kunsill. Saru proposti lil Membri min jixtieq juri nteress li jgħamel xi disinn, u f'Ottubru meta saret il-laqgħa tal-Kunsill, is-Sur Josiah Grech ġab *artwork* ta' tlett emblemi. Il-President ippropona uffiċjalment għall-attenzjoni tal-membri biex issir deċiżjoni liema ħa jgħażlu. Is-Sekonda l-proposta s-Segretarju Onoraju s-Sur Joseph Zammit, fejn talab biex iddur il-karta A4 bit-3 emblemi proposti u kull membru jiffirma taħt liema jixtieq. Il-membri qamblu unanimamament. Is-Segretarja Eżekuttiva Marica Attard Cassar ġabret il-karta A4 u l-aktar firem favur kienu fuq l-ewwel waħda immarkata 'A'. Il-President Peter Paul Bonnici ddikjara l-ewwel emblem indikata fil-karta A4 li tqasmet bħala l-emblema il-ġdida. Fejn qal ukoll li din għandha tiġi mnedija mill-ewwel (1) ta' Jannar 2022.



**Ħatra ta' Viċi President Malti fl-*AGE Platform Europe***
Dr Anthony DeGiovanni nħatar Viċi President tal-*AGE Platform Europe* bi 83% tal-voti eliġibbli waqt laqgħa tal-Kunsill Amminstrattiv ta' din l-organizzazzjoni li tiġbor fiha l-għaqdiet tal-anzjani u għall-anzjani prinċipali kollha tal-Ewropa. Dr. De Giovanni huwa s-Segretarju Internazzjonali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.
Fid-dawl ta' dan, Dr. Anthony De Giovanni, spjega il-pożizzjoni preċidenti tal-membri l-oħra li qegħdin fuq l-*AGE Platform*. Huwa qal li issa l-kariga li kellu bħala Kunsillier fuq l-AGE ser jeħodha s-sostitut tiegħu is-Sur Gaetan Naudi mill-NAP. Dr. Anthony De Giovanni, saħaq li ser iċedi l-vot tiegħu fil-Kunsill tal-AGE lis-Sur Gaetan Naudi biex Malta żżomm il-vot peress li l-ebda tnejn mill-istess pajjiż ma jista' jkollhom vot kull wieħed. Din ġiet approvata unanimament. mill-Kunsll kollu.
*AGE Platform Europe* twaqqfet f'Jannar tal-2001, frott ta' diskussjonijiet dwar kif għandhom jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-anzjani u kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-anzjani u għall-anzjani fuq livell Ewropew. L-Organizzazzjonijiet tal-Anzjani msieħbin f'din il-pjattaforma għandhom il-maġġoranza tal-voti fil-livelli kollha tad-deċiżjonijiet li jsiru f'din l-għaqda. Is-sħubija hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet Ewropej imwaqqfin mhux biex jagħmlu qligħ. Il-ħidma ta' din il-pjattaforma hija sostnuta finazjarjament permezz ta' għotjiet mill-Unjoni Ewropea, il-miżati tal-membri u donazzjonijiet.
Il-viżjoni tal-Pjattaforma Ewropea AGE tinkorpora fiha l-ħsieb ewlieni ta' soċjetà inkussiva msejsa fuq il-benesseri ta' kulħadd, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u d-dritt sħiħ għat-tgawdija tal-ħajja u tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-kontribut siewi lejn l-istess soċjetà.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ilu għoxrin sena membru tal-*AGE Platform Europe*; tista' tgħid, sa mill-ħolqien tagħha, u dejjem ipparteċipa bis-sħiħ fil-ħidma u r-riċerka importanti li din l-organizzazzjoni rnexxiela twettaq matul iż-żmien li ilha mwaqqfa. L-Għaqda tal-Pensjonanti u Nanniet Malta huma wkoll membri attivi ħafna fl-*AGE Plarform* u l-kandidatura għall-viċi presidenza ta' Dr DeGiovanni sabet l-appoġġ sħiħ tagħhom.
Malta għandha sehem ewlieni fl-istorja tal-gharfien internazzjonali dwar l-Anzjanità. Kienet Malta li, fl-1968, l-ewwel li qajmet il-materja tal-Anzjanità bħala tema li jixirqilha attenzjoni internazzjonali. Bħala riżultat tal-ħidma Maltija, fl-1982, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sejħet assemblea dinjija dwar l-Anzjanità u, permezz tar-Riżoluzzjoni 37/51, fost l-oħrajn, xprunat 'il quddiem il-ħtieġa tar-riċerka u t-tagħlim kif ukoll il-bdil ta' informazzjoni bħala s-sisien internazzjonali għall-politika soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna dwar l-Anzjanità għadu sal-lum iservi ta' bażi ewlenija tal-politika internazzjonali dwar l-anzjanità. Bħala rikonoxximent tal-inizzjattivi xprunati minn Malta, fl-1987, twaqqaf f'Malta l-Istitut Internazzjonali tal-Ġerentoloġija.
Huwa dover tagħna lkoll li nkompli mmexxu 'l quddiem il-ħidma lokali u internazzjonali ta' Malta favur l-anzjani.

**Sottokumitat fuq Programm ta' Ħidma għas-Snin 2021/2023**
Ġie deċis li jitwaqqaf *Sottokumitat* biex ifassal pjan ta' ħidma u attivtajiet għas-Snin 2021-2023. Ġie maqbul li dan is-*Sottokumitat* ikun iffurmat minn Peter Paul Bonnici, Nazju Abela, Josiah Grech, Godwin C. Micallef u Alfred Mallia. Kwalunkwe ħidma jew attività li ma twettqitx mill-Pjan ta' Ħidma tas-sena l-oħra terġa' tiġi kkusiderata. L-attività ewlenija li qiegħda tkun immirata għall-ewwel kwart tas-sena 2022 se tkun it-twettiq ta' Sessjoni Parlamentari dwar 'l-Abbuż fuq l-Anzjani'.

**Il-*Magazine* tal-Kunsill - 'l-Anzjani Llum'**
Il-laqgħat bejn il-Bord Editorjali baqgħu jsiru regolarment, u dejjem raw u ħadmu qatieh biex dan il-*Magazine* ikun dejjem aktar attraenti u jinqara aktar faċli minn fost l-anzjani Maltin u Għawdxin. Fejn fih ngħatu aktar tgħarif ta' nterress, stejjer u novelli minn fost l-qarrejja anzjani stess. Anki fir-rigward ta' tqassim ta' dan il-*Magazine*, rajna kif għamilna biex dan jitqassam aktar attrajenti u pulit. Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw xi donazzjoni u lil kontributuri li jiktbu fil-*Magazine* fejn nirringrazzjahom ukoll tal-kontribut li jaghtu bil-kitbiet tagħhom.
Din is-sena bdejna ukoll naħdmu biex intejbu u nżidu s-sit elettroniku billi naġġornaw il-*Website*, u nintroduċu *Facebook page* tal-Kunsill, kif ukoll *Instagram* u *Twitter*.
Ma nistax naghlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem taghti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi
Joseph Zammit
Segretarju Onorarju

# Nazju Abela f'intervista ma' Publio Agius

Publio Agius ma jħallilek ebda dubju li hu Furjaniż, u kburi! Anzi, Publio jippersonifika lil Furjana mhux biss għax ismu huwa dak tal-qaddis patrun imma għax, f'ħajtu kollha, ħadem biex jgħolli isem dan is-subborg sabiħ u interessanti. Bħal ħafna Furjaniżi qablu, bħal Oliver Friggieri, Lolly Tonna u oħrajn, Publio Agius ħadem kemm felaħ b'risq il-Furjana. Tkellimt miegħu fuq tfulitu, il-karriera tiegħu, fuq dak li stinka għalih bħala l-ewwel Sindku tal-Furjana u fuq dak li kiseb fil-ħajja, kemm għalih kif ukoll għal Furjana. Kif ser naraw f'din l-intervista, Publio għadu attiv sal-lum u jien nirringrazzjah talli għoġbu jsib il-ħin biex iwieġeb il-mistoqsijiet li għamiltlu.

**Publio, għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni sakemm wasalt biex tidħol fid-dinja tax-xogħol.**

Inħossni xxurtjat li twelidt, trabbejt, għext u għadni noqgħod f'lokalità li tat kontribut nazzjonali fil-qasam reliġjuż, kulturali, soċjali, storiku u ċivili. Twelidt proprju, fi Triq Sant' Anna, Floriana, fl-4 ta' Novembru 1952, mill-ġenituri Antonio Agius (personalità magħrufa sew fil-Floriana) u Mary *nee'* Cassar. Fl-Iskola Primarja tal-Gvern, sibt għalliema dedikati li għallmuni l-valuri tal-ħajja, reliġjużi u ċivili. It-tagħlim sekondarju ħadtu fil-Kulleġġ ta' De La Salle u fis-Seminarju. Aktar tard, ksibt *diploma* fl-Istudji tal-*Business Law and Accounting*, mill-Università ta' Malta.



*Publio Agius, fl-1959, mal-ġenituri tiegħu fl-okkażjoni tal-Ewwel Tqarbina*

**X'tgħidilna dwar il-karriera tiegħek sakemm wasal iż-żmien biex tirtira?**

Is-Servizz Ċivili minn dejjem kien jaffaxxinani għax joffri opportunitajiet ta' għajnuna lill-pubbliku. Fl-1976, bdejt il-karriera tiegħi fl-Uffiċċju Distrettwali tas-Servizzi Soċjali tal-Belt Valletta fejn inħossni kuntent li, bħala *welfare officer,* servejt lill-kommunitajiet tal-Belt u l-Floriana u li, magħhom, bnejt relazzjoni mill-qrib, mhux strettament bħala uffiċjal pubbliku biss imma, fost kollox, bi stima reċiproka li baqgħet ħajja anki wara li għaddew is-snin. Matul iż-żmien, ispirani l-kliem għaqli tal-papà tiegħi fl-ewwel jum tax-xogħol meta qalli: "Kun rett f'xogħlok u, meta tkun qed taqdi dmirek, tħarisx lejn wiċċ il-persuna li jkollok quddiemek imma lejn il-ħtiġijiet tagħha. "

Wara eżami kompetittiv, servejt fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn, għal għoxrin sena, ħdimt mal-ogħla kapijiet taċ-Ċivil li għaddewli l-esperjenzi tagħhom fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika u l-finanzi. F'dan l-uffiċċju prestiġjuż, servejt fid-Dipartiment tas-Sevizzi Korporattivi u fid-Dipartiment tal-Informazzjoni sal-kariga ta' Aġent Direttur. Temmejt il-karriera tiegħi bħala Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija fejn kelli relazzjoni mill-aqwa mal-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-Sur John Rizzo.

**Bħala Furjaniż, naħseb li jkun xieraq li tgħidilna xi ħaġa dwar il-kontribut kbir li tajt lill-Furjana.**

Is-servizz tiegħi lill-pubbliku ma kienx biss matul il-karriera fiċ-Ċivil. Fl-1994, kienu introdotti l-Kunsilli Lokali f'pajjiżna u, wara li kkontestajt, kont elett b'appoġġ tajjeb ħafna u sibt ruħi l-ewwel Sindku tal-Floriana. Din il-kariga tatni opportunità oħra interessanti li nkun qrib il-ħtiġijiet tar-residenti. Servejt bl-akbar imħabba, rispett u dedikazzjoni. Primarjament, il-viżjoni tiegħi kienet li nsalvaw id-djar residenzjali li, dak iż-żmien, kienu qed jinxtraw mill-privat biex ikunu żviluppati f'uffiċini. Introduċejna *policies* dwar proposti konkreti biex il-Floriana tippriserva r-ruħ residenzjali li kienet qed titlef. Enfasizzajna l-ħtieġa ta' proġetti ta' rijabilitazzjoni dwar il-*housing* fil-Floriana. Id-deċiżjonijiet importanti li ħadna, bħal meta, fl-1994, salvajna l-iżvilupp tax-Xagħra tal-Floriana (l-Arena tal-Indipendenza) milli ssir kumpless amministrattiv, għadna ngawduhom sal-lum. Jien dejjem ikkontestajt bħala kandidat indipendenti u, fl-2004, erġajt inħtart sindku. Wara dan iż-żmien, issukktajt bil-karriera maċ-Ċivil peress li l-kariga li kelli ma kinitx tippermetti li nibqa' fil-Kunsill.



*Publio Agius qed jingħata l-Insinja tal-Floriana bħala l-ewwel Sindku ta' din il-lokalità mill-Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami, fil-15 ta' Diċembru 1994*

**Nafu li, f'dawn l-aħħar snin, minbarra l-karigi ċivili, kont u għadek impenjat fl-Għaqda *Floriana Senior Citizens*. Illum, x'inhu r-rwol tagħha?**

Il-*Floriana Senior Citizens* ilha mwaqqfa mill-1982 u kienet l-ewwel għaqda tax-xorta tagħha stabbilita f'Malta. Kienet ukoll strumentali biex il-Gvern jiftaħ l-ewwel Dar Residenzjali għall-Anzjani f'Malta, proprju fil-Floriana. Kienet ukoll involuta f'inizzjattivi oħrajn bħall-introduzzjoni tal-KartAnzjan u l-għoti ta' mediċini

b'xejn lill-anzjani. Fl-2013, kont nominat President tal-Għaqda. Minn dak iż-żmien, introduċejna għadd ta' servizzi personalizzati għall-anzjani intiżi biex jilħqu l-ħtiġijiet tal-lum. Tejjibna wkoll ir-rivista ta' kull xahar, *'Il-Bastun'* u ħloqna *webpage* tal-Għaqda.



*Il-monument li jfakkar il-25 Kampjonat tal-Futbol Malti merbugħ mill-Floriana F.C. maħdum minn Publio Agius*

**Kif tqatta' l-ħin ħieles tiegħek, kemm qabel irtirajt kif ukoll wara?**

Jien trabbejt f'ambjent artistiku u, għalhekk, inħobb ħafna l-arti. Il-papà tiegħi kien ipinġi u mudellatur. Meta kont zgħir, kont immur miegħu għand bosta artisti stabbiliti ħbieb tiegħu bħal, Emvin Cremona, l-iskultur Mark Montebello u oħrajn. Naturalment, meta kont naħdem, il-ħin biex nipprattika din il-linja kien limitat. Għamilt diversi xogħlijiet fil-*fibre-glass*, fosthom *basso rilievo* fuq lapidi, fil-Kunvent tal-Kapuċċini u fil-Knisja Parrokkjali tal-Floriana. Ħdimt monument li jfakkar il-ħamsa u għoxrin kampjonat tal-futbol mirbuħ mill-Floriana F. C. Għadni nattendi korsijiet ta' filgħaxija fit-tagħlim taċ-ċeramika. Inħobb il-mużika, kif ukoll l-istorja ta' Malta, ir-riċerka u anki l-i*sports*.

**Fl-aħħar nett, kif diġà għamilna fl-aħħar ħarġa, jixraq li, f'isem il-qarrejja ta' dan il-*magazine*, nifraħlek għall-unur li ksibt bħala wieħed minn dawk li rebħu l-Premju Anzjanità Attiva għall-2021. Bħala anzjan li għadek attiv sew, x'messaġġ tixtieq tgħaddi lil sħabna l-anzjani?**

Ir-rebħ tal-Premju Nazzjonali għall-Anzjanità Akkademika 2021 fih sinifikat importanti għax, fih innifsu, irid iwassal messaġġ ta' rikonoxximent u, fl-istess waqt, iservi ta' stimolu. Jekk il-bniedem iwaqqaf l-attività tiegħu fl-oqsma tal-ħsieb kreattiv, kommunikattiv u manwali, jisfaxxa u jkun ta' piż fuq is-soċjetà. Dan il-prinċipju wassalni biex infittex l-għeruq ta' dak li sawwar l-istorja soċjali ta' art twelidi li, ħafna drabi, ma ssibhomx fil-kotba. B'dan il-għan, inxtħett fuq proġett li jinvolvi intervisti fuq *video* ma' diversi anzjani mgħobbijin bis-snin li jirrakkuntaw il-ġrajjiet, l-użanzi, id-drawwiet u l-episodji personali li għaddew minnhom f'ħajjithom. Naturalment, dan kollu huwa mżewwaq u riċerkat b'dokumenti oħrajn li jittrattaw is-suġġett. Inħossni onorat u ferm ixxurtjat li ksibt dan il-premju prestiġjuż u rrodd ħajr lil dawk li nnominawni, il-Bord tal-Għażla li rrikonoxxew l-impenn u l-ħsieb wara din l-inizjattiva, li għandha tkun ta' utilità għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin fl-oqsma edukattivi, soċjali, kulturali u storiċi. Irrodd ħajr ukoll lid-diriġenti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-sapport u l-inkoraġġiment li tawni, anki permezz ta' din l-intervista.



*Publio Agius rebbiegħ tal-Premju Nazzjonali għall-Anzjanita' Akkademika 2021, flimkien mal-President George Vella waqt is-serata tal-preżentazzjoni*

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sin. Catherine Said (Valletta) - €22. 00
Is-Sinjura Doris Dalli (Valletta) - €5. 00
Is-Sinjura Rose Depares (Valletta) - €10. 00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem

# Rokna Internazzjonali



Għalkemm aħna l-anzjani għandna ħafna fuqiex nitkellmu, anki jekk biss inħarsu madwarna, ikun xieraq li, xi kultant, inħarsu ftit ’il bogħod miċ-ċirku żgħir tagħna u nimirħu ftit ’il barra minn xtutna biex nagħtu titwila lejn dak li jkun qed jiġri fil-qasam tal-anzjanità, kif ukoll temi oħrajn li jolqtuna. Għaldaqstant, billi jien is-Segretarju Internazzjonali tal-KNA, inħoss li huwa dmiri li nieħu ħsieb ngħarrafkom dwar dak li jkun qed iseħħ.

Bejn il-11 u l-14 t’April 2022, fi New York, saret it-tnax-il sessjoni tal-*Open Ended Working Group (OEWG)* tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar l-Anzjanità. L-għan ta’ din is-sessjoni kien biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet umani tal-anzjani bil-mira aħharija li tissawwar Konvenzjoni Internazzjonali apposta dwar l-anzjanità. L-għaqdiet tal-anzjani Maltin intallbu mill-*AGE Platform Europe* biex iħeġġu l-awtoritajiet Maltin jissapportjaw din l-inizjattiva tan-Nazzjonijiet Magħquda. Għaldaqstant, delegazzjoni magħmula mill-KNA, in-*NAP* u Nanniet Malta żaret lill-E. T. , il-President ta’ Malta, lill-Ministru responsabbli mill-Anzjanità Attiva u lill-Kap tal-Oppożizzjoni biex tixpruna ‘l quddiem din l-inizjattiva. Il-gvern Malti ssottometta *brief* li jiffoka fuq aspetti ta’ sigurtà ekonomika, il-kontribut tal-anzjani fl-iżvilupp sostenibbli, id-dritt għax-xogħol u l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja. L-E. T. , Vanessa Frazer, ir-Rappreżentant Permanenti ta’ Malta, indirizzat is-sessjoni fejn, fost l-oħrajn, saħqet li l-anzjani mhux biss jixirqilhom il-protezzjoni u l-appoġġ imma għandhom ikunu *empowered* biex jagħtu kontribut sħiħ fl-iżilupp sostenibbli tal-pajjiż. **https://fb. watch/cNYt5eSm2x/**.

Bħala Viċi President tal-*AGE Platform Europe,* jien kont mistieden nattendi għal konferenza virtwali nhar it-28 t’April 2022, fl-okażjoni tal-Jum Ewropew tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet. It-tema magħżula kienet il-qagħda tal-anzjani Ukreni fil-gwerra li għaddejja f’pajjiżhom. Tkellmu diversi awtoritijiet u attivisti ta’ għaqdiet ta’ għajnuna umanitarja dwar il-ħidma tagħhom mal-anzjani Ukreni li l-qagħda tagħhom mhi xejn feliċi billi, fil-biċċa l-kbira minnhom, ma jistgħux, u ma jridux, jitilqu djarhom filwaqt li s-servizzi mediċi u ta’ kura kważi sfaxxaw għal kollox. **https://mailchi. mp/age-platform. eu/pr-eu-day-of-solidarity-btw-generations 6076538?e=57a3061237**.

Fit-3 ta’ Mejju 2022, ħadt gost nattendi konferenza virtwali tal-proġett *SHAPES* (*Smart and Healthy Aging through People Engaging in supportive Systems).* Il-mira ta’ dan il-proġett hija li tkun żviluppata pjattaforma qawwija fuq skala Ewropea ta’ kura integrata għall-anzjani. Dan huwa meħtieġ għax, minkejja li l-aspettattiva tal-ħajja żdiedet, l-anzjani Ewropej xorta għadhom jiffaċċjaw riskji qawwija ta’ dgħufija, korrimenti u mard kroniku fit-tul. Barra minn dan, minħabba tibdil tas-soċjetà u l-istruttura tal-familja, individwi anzjani jesperjenzaw l-iżolament u s-solitudini li jkomplu jħallu effetti negattivi kemm psikoloġiċi kif ukoll fiżiċi. *SHAPES* jimmira li tinbena pjattaforma li tintegra flimkien soluzzjonijiet diġitali *smart* li jiġbru u janalizzaw l-informazzjoni dwar is-saħħa, l-ambjent u l-istil ta’ ħajja ta’ anzjani individwali, jidentifika l-ħtiġijiet tagħhom u jipprovdu soluzzjonijiet personalizzati. Huwa wkoll mod kif, dawk kollha responsabbli għall-kura tal-anzjani, jaqsmu l-għarfien u l-esperjanzi tagħhom u jgħinu lil xulxin bil-pariri, taħriġ u sapport. B’hekk, jippromwovu l-ħolqien ta’ soluzzjonijiet diġitali biex isir titjib fil-provediment tal-kura u s-saħħa fil-pajjiżi Ewropej.

Jien bqajt immeraviljat bil-proġetti innovattivi li ġew ippreżentati li jgħinu biex l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-kommunità minkejja kundizzjonijiet li jista’ jkollhom.

Dr Anthony DeGiovanni
Segretarju Internationali KNA
Viċi President, *AGE Platform Europe*

# Popeye Village

**Anthony Borg**
**01/05/1990**

It struck our imagination;
It tickled our fantasy.

Why did the big ones,
The mighty ones,
Destroy our village
Popeye?

After all, we are God’s children!
So, rebuilt sweet heaven
To have God’s blessing!



# Il-Liżar ta' Turin – It-tielet parti

**Kitba ta' Anthony Cardona**

**Xebh bejn il-Liżar ta' Turin u l-kefen ta' Kristu**
Fuq ix-xbieha doppja ta' bniedem minn quddiem u minn wara li hemm fuq il-Liżar, b'reqqa kbira li ma titwemminx, jidhru s-sinjali kollha ta' dak li jirrakkuntaw l-Evanġelji fuq il-passjoni ta' Kristu. Fosthom insibu, id-daqqiet tal-flaġellazzjoni, l-inkurunazzjoni bix-xewk, it-tbenġil magħmul mis-swat u l-waqgħat ripetuti, il-ferita fil-kustat tal-lemin mil-lanza tas-suldat u t-tismir mill-polz u mir-riġlejn. Barra minn dawn, insibu wkoll traċċi tal-ħruq li ħalla n-nar fil-kappella ta' Chambery, kif ukoll it-tbajja tal-ilma li ntefa' biex jitfu n-nar. Dawn l-impronti huma kollha ta' lewn sepja skur bla sfumaturi definiti li diffiċli tagħżilhom malajr mid-drapp li diġà huwa safrani minħabba ż-żmien li għadda minn fuqu.

Xi żmien ilu, xi wħud kienu tal-fehma li l-Liżar ta' Turin seta' kien magħmul minn artist mhux magħruf qabel l-1530 li pinġa l-isfumaturi li għalihom kien magħruf Leonardo Da Vinċi. Imma llum, bix-xjenza moderna, nafu li dan ma jistax ikun għax il-Liżar m'hemmx dubju li fih l-impronti ta' bniedem veru. Is-saba' l-kbir ma jidhirx għax, meta l-musmar nifed il-polz, laqat in-nerv medjan u b'hekk ġibdu 'l ġewwa. Anki n-nixxigħat doppji tad-demm li gelgel mill-ġerħa tal-polz jaqblu eżatt maż-żewġ qagħdiet u l-għoli ta' fejn kienu msammrin. Biex saru dawn l-impronti, x'aktarx li l-Liżar kien marbut mal-ġisem mejjet permezz ta' lazzijiet.
L-eżami tal-impronti juri li t-tbajja' tad-demm fuq il-Liżar saru b'kuntatt dirett mentri l-impronti tal-ġisem jidhru li saru permezz ta' xi projezzjoni. Il-partijiet prominenti ħallew marka iktar skura waqt li l-partijiet li ma kinux imissu mal-Liżar ħallew marki iktar ċari. Ħafna mid-dettalji jidhru iktar ċari fin-negattiva tar-ritratti li kien ħa Secondo Pia. Fuq in-negattiva, ix-xellug jidher fuq il-lemin għax, fil-fotografija, ikun hemm inverżjoni laterali bħal f'mera. Fuq l-immaġini ta' quddiem, fil-lemin tal-kustat hemm il-ġerħa magħmula mil-lanza tas-suldat. Hija ovali u fiha xi erba' ċentimentri fin-nofs u ċentimetru fit-truf. Dawn jikkorrespondu mal-qisien ta' lanza Rumana u l-ġerħa qiegħda fil-ħames kustilja. Peress li d-daqqa tal-lanza saret meta Ġesù kien diġà miet, il-ferita baqgħet miftuħa minħabba r-*rigor mortis*, jiġifieri meta, mal-mewt, il-ġisem jibbies u jibqa' fl-istess forma. Fl-Evanġelju hemm miktub li minnha ħareġ demm u ilma, l-istess bħalma nsibu fl-impronti fuq il-Liżar. Fuq in-naħa ta' wara u mal-ġisem kollu, jidhru mal-mija u għoxrin daqqa ta' frosta li jidhru li ngħataw minn żewġ naħat peress li lill-ikkundannat kienu jneżżgħulu ħwejġu, jorbtuh ma' kolonna fil-bitħa tal-palazz u jifflaġellawh żewġ persuni bi frosti li, fit-tarf, ikun fihom boċċi taċ-ċomb jew snien tal-mogħoż. Il-marki tal-flaġellazzjoni jidhru mal-ġisem kollu, mill-għonq sar-riġlejn u anki minn quddiem imma l-iktar fuq id-dahar. L-ewwel kienu jsawtuh bil-wieqfa, marbut b'idejh 'il fuq mal-kolonna, imbagħad milwi b'dahru mikxuf. Il-liġi ta' Mosè kienet tgħid li l-ikkundannat jagħtuh erbgħin daqqa nieqes waħda imma lil Ġesù fflaġellawh ir-Rumani, allura l-marki juru mal-mija u għoxrin daqqa.

Jidher ukoll li, meta sar it-tismir tar-riġlejn, is-sieq tal-lemin tqiegħdet fuq l-injam b'dik tax-xellug fuqha u l-musmar il-kbir ippenetrahom f'daqqa. Jidher ukoll it-tbenġil fuq l-ispalla tax-xellug magħmul mit-traversa li kienet tqila mal-erbgħin kilo u li l-ikkundannat kien iġorr sal-post tal-esekuzzjoni barra mill-ħitan tal-belt. Dawn is-sinjali kollha jaqblu mal-impronti li hemm fuq il-Liżar u mar-rakkonti fl-Evanġelji.

Fl-1979, professur Franċiż skopra li, fuq il-kappell tal-għajn il-leminija tal-immaġini, hemm marka ta' munita żgħira. Imbagħad is-sindonologu, Mario Moroni, espert fin-numismatika, qabbel din il-munita mal-munita maħruġa minn Ponzju Pilatu għall-aħħar tas-sena 29. Fl-1996, il-professuri Bollone u Balossino wkoll sabu traċċi ta' munita oħra fuq ix-xagħar tal-għajn ix-xellugija li tqabblet ma' munita oħra wkoll maħruġa minn Ponzju Pilatu fl-istess żmien.



Mix-xbieha ta' fuq il-Liżar wieħed jista' jara l-marki impressjonanti tat-tbatija orribbli u l-kefrija bla ħniena li sofra l-bniedem ta' fuq l-immaġini. It-turmenti li x-xjenza medika moderna taqra fuq l-impronti jixhdu kemm bata l-bniedem tal-Liżar. Din it-tbatija tidher anki permezz ta' traċċi ta' demm, għaraq, bżieq u trab li jiksi l-ġisem kollu. Il-fenomenu tal-għaraq tad-demm, imsemmi fl-Evanġelju ta' San Luqa, illum huwa spjegat mix-xjenza moderna bħala l-qsim ta' vini rqaq ta' taħt il-ġilda li s-sustanza li ħarġet minnhom tħalltet mal-għaraq. Dan il-qsim isir minn emozzjoni qawwija u jsaħħaħ l-argument tat-tabib William Stroud li kien eżamina l-Liżar u kkonkluda li l-kawża tal-mewt ta' Ġesù kienet minn attakk tal-qalb. L-agunija emozzjonali li ġarrab Ġesù fil-Ġetsemani meta għereq l-għaraq tad-demm kienet il-bidu ta' tbatija bla waqfien li wasslet għal infart li fl-aħħar, meta Ġesù għajjat għajta kbira fuq is-salib, inqasmitlu qalbu.

# ŻEWĠ KOMPOŻITURI RABTIN MILL-IMGĦODDI

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Minn din is-sensiela li bdejtilkom fl-aħħar ħarġa, illum ser ngħidilkom xi ħaġa dwar żewġ kompożituri Rabtin tal-imgħoddi li isimhom huwa marbut mal-mużika, l-aktar, mal-mużika sagra. Dawn huma **Pietro Gristi** u **Benigno Zerafa**; it-tnejn kienu qassisin, it-tnejn organisti u t-tnejn marbutin mal-Katidral tal-Imdina.

## Pietro Gristi

Pietro Gristi twieled ir-Rabat, Malta fil-31 ta' Marzu 1696. Huwa kien l-ewwel student magħżul mill-Kapitlu tal-Katidral biex imur jistudja fil-Konservatorju ta' Napli. Qabel, dawk magħżulin kienu jintbagħtu Sqallija. Gristi ntbagħat fil-*Conservatorio dei Poveri di Gesù Cristo* meta kellu sbatax-il sena. Għall-Katidral, Gristi ma kienx isem ġdid għax kien diġà membru tal-Kappella Mużikali minħabba l-vuċi ħelwa tiegħu.

Fil-ktieb, *Il-Mużika ta' Malta sal-aħħar tas-seklu tmintax*, l-awtur Joe Vella Bondin jgħidilna li l-għalliem ta' Pietro Gristi fil-Konservatorju kien in-Naplitan Gaetano Greco, għalliem mill-aqwa u rappreżentant kbir tal-iskola Naplitana tas-seklu tmintax. Fl-istess kitba, naqraw ukoll li Pietro Gristi dam ħames snin fil-Konservatorju u, wara, irritorna Malta u nħatar, *Maestro di Cappella* tal-Katidral. Kien ukoll ordnat saċerdot fl-1720 u miet żgħir, ta' wieħed u erbgħin sena, fl-4 ta' Marzu tal-1738. Huwa jinsab midfun xi mkien fil-Knisja ta' San Duminku r-Rabat; il-Knisja tal-Madonna tal-Għar.

Pietro Gristi dam wieħed u għoxrin sena *Maestro di Cappella*. Ma' din il-ħidma tiegħu, Gristi kien ukoll kompożitur. Joe Vella Bondin jgħidilna wkoll li ma nafux kemm ikkompona xogħlijiet Pietro Gristi għax, kważi, dak kollu li kkompona ntilef u, li baqa', huma biss *Messa Breve (Kyrie* u *Gloria)* u xi ftit salmi liturġiċi li nstabu fl-Arkivju tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Hija tassew ħasra għax, din il-*Messa Breve* kienet ser tiġi esegwita fil-Katidral tal-Imdina f'Ġunju tas-sena 2020 imma ma saritx minħabba l-pandemija.
M'ilux wisq, sirt naf li Patri Albert Borg, Agostinjan, kien daqq xi xogħol mużikali ta' Gristi. PerĐ, personalment, jisgħobbija ngħid li jien qatt ma smajt mużika minn tiegħu.

Dan l-aħħar, għamilt xi tiftix dwar liema huwa l-qabar ta' Don Pietro Gristi. Staqsejt imma, sakemm qed nikteb, għad m'għandix tweġiba. Jiddispjaċini għax Don Pietro għamel l-aħjar tiegħu fil-qasam tal-mużika sagra fi żmienu. Biżżejjed hija ħasra li ħafna mill-mużika tiegħu hija mitlufa imma, għall-inqas, għandna nkunu nafu sew fejn huwa midfun. Min jaf? Forsi, bis-saħħa ta' dan l-artiklu, jinqala' xi ħadd li jixħet xi dawl dwar il-qabar ta' dan il-kompożitur Malti tal-imgħoddi.

## Benigno Zerafa

Benigno Zerafa tgħammed fil-Katidral tal-Imdina fl-istess jum li fih twieled; il-25 t'Awwissu, 1726. Ta' ħdax-il sena, kien aċċettat bħala *boy soprano* fil-Kappella Mużikali tal-Katidral meta d-direttur kien Don Pietro Gristi. Ta' tnax-il sena, imbagħad, bl-għajnuna finazjarja tal-Katidral, iċ-ċkejken Benigno ntbagħat Napli ħalli jistudja fil-*Conservatorio dei Poveri di Gesù Cristo*. Fost l-għalliema li kellu Zerafa f'Napli kien hemm Malti ieħor ta' importanza, Girolomo Abos. Benigno Zerafa dam sitt snin fil-Konservatorju u, wara, reġa' lura Malta. Kien ordnat qassis f'Settembru tal-1750, meta kellu erbgħa u għoxrin sena u sar *Maestro di Cappella* tal-Katidral wara Don Pietro Gristi. Barra minn hekk, Don Zerafa kien ukoll *Maestro di Cappella* ta' knejjes oħrajn.

Barra milli kien kompożitur, Zerafa kien ukoll direttur u għalliem. Kien organista tajjeb ħafna tant li, bis-saħħa tiegħu, fi żmienu, kien sar orgni ġdid fil-Katidral, tal-Imdina. Huwa kien strumentali biex il-knejjes tar-Rabat ta' San Pawl, ta' San Publju u ta' San Duminku wkoll ikollhom orgni tajjeb kif kien jixirqilhom.

Wasal żmien li l-fama ta' Don Benigno Zerafa bdiet tmajna sew; kemm minħabba saħħtu kif ukoll għax, fix-xena, daħal Francesco Azopardi, kompożitur ieħor importanti Malti u Rabti wkoll.

Benigno Zerafa qatta' l-aħħar seba' snin ta' ħajtu jgħix fid-dar tal-anzjani (l-Ospizju) ta' Saura; dar li għadha tiffunzjona sal-lum u, mal ħajt ta' din id-dar kbira u sabiħa, hemm lapida li turi li Mro. Dun Benigno Zerafa kien jgħix hemm. Din il-lapida saret fl-20 ta' Marzu 2004 mill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex tfakkar għeluq il-mitejn sena minn mewtu.



B'xorti tajba, bosta mix-xogħlijiet mużikali ta' Benigno Zerafa għadhom qawwijin u sħaħ u l-aktar li qegħdin huwa fl-Arkivji tal-Mużika tal-Katidral tal-Imdina. Niftakar il-kunċert b'mużika ta' Benigno Zerafa, organizzat mit-Taqsima tal-Kultura, li kien sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann fit-30 ta' Jannar 1987. Kien ħa sehem il-Kor ta' San



Ġiljan, bil-parteċipazzjoni tas-soprani Tanya Parlato Trigona u Catherine Gauci; il-kontralto Marie Therese Vassallo; it-tenuri Brian Cefai u Abraham Borg; il-baritonu Lino Attard u l-baxx Anthony Montebello, flimkien mal-organista Hugo Agius Muscat. Mexxa l-orkestra George Spiteri u d-direzzjoni kienet tar-Rev. John Galea. Fost ix-xogħlijiet interpretati dakinhar, kien hemm: *Victimae Paschali Laudes*, *Posui Adiutorium*, *Lauda Sion Salvatorem* u l-*Magnificat*, xogħol importanti ta' Benigno Zerafa miktub għal erba' vuċijiet u strumenti tal-korda.

Dan il-kunċert memorabbli kien irrekordjat fuq *cassette* b'sistema tajba ħafna għal dak iż-żmien. Għal din l-okkażjoni, kien ġie ppubblikat ukoll ktejjeb interessanti ħafna dwar Benigno Zerafa li jinkludi tagħrif siewi. Benigno Zerafa, kompożitur Malti li jisthoqqlu ġieħ ferm akbar milli tajnieh sal-lum, miet il-Belt Valletta fl-1804 u jinsab midfun fil-Katidral tal-Imdina.

---

# Karmnu tal-Ħobża

**Kitba ta' Franky Piccinino**



Fit-tieni nofs tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, kont għadni daqsxejn ta' qrempuċu. Missieri kien mastrudaxxa. Kien jaħdem ġo kamra fil-bitħa tad-dar fejn konna noqogħdu, fi Strada Ospedale, il-Belt. Għalkemm konna tmien aħwa, erbgħa minnhom subien u, għalkemm ma kontx il-kbir, normalment, missieri lili kien jgħajjat kull meta kien ikollu bżonn lil xi ħadd biex iżommlu waqt li jkun qed jisserra jew jinċana xi biċċa njama kbira li jkun qed jaħdem fuqha.

Darba fost l-oħrajn, qalli: "Sib xkora, iġbor dal-gozz ċana u l-laqx kollu tal-injam li ssib u ħudhom lil Karmnu tal-Ħobża; ħa jkollu biex ikebbes il-ħatab għall-forn!" Karmnu tal-Ħobża kellu l-forn tiegħu f'dik il-biċċa ta' Strada San Domenico, bejn Strada Merkanti u Strada San Paolo. Il-forn ta' Karmnu kont naf sew fejn kien għax Karmnu u missieri kienu ħbieb tal-qalb; missieri kemm-il darba ħadimlu xi biċċa xogħol u aħna spiss konna ngħaddu s'għandu qabel inkunu sejrin lura lejn id-dar. Għala kienu jgħidulu tal-Ħobża ma nafx għax, sa fejn naf jien, ħobż ma kienx jagħmel. Minbarra li kien jaħmi xi pudina jew xi kejk, flimkien mad-dixxijiet tar-ross, tal-imqarrun u tal-patata l-forn li kienu jġibulu n-nies tal-inħawi, pasti xotti l-iktar li kien jagħmel bħal, ngħidu aħna, *pane di Spagna*, biskutelli u qagħaq li tbillhom fit-te, krustini minn dawk tal-ġelu roża fil-wiċċ, u pasti tal-ġamm, tal-*coconuts* u tal-lewż morr. Fil-forn ta' Karmnu, riħa ta' frolla u riħa ta' xiwi kien ikun hemm, mhux riħa ta' ħmira.

Insomma, biex ma ntawwalx, jien għamilt kif qalli missieri. Tfajt kulma sibt fi xkora, mort biha għand Karmnu tal-Ħobża u, "Bagħathomlok missieri," għidtlu malli nżilt għandu; "biex ikollok x'taħraq!"

"Għamilhom fil-bitħa!" qalli Karmnu bi tbissima. Jien poġġejthom fejn qalli u kont sejjer 'il barra imma, "Ħu pasta tal-lewż minn dak it-tilar," kompla jgħidli. Jien ħadt waħda, għidtlu grazzi u tlaqt niġri lejn it-taraġ li jagħti għat-triq. M'hemmx għalfejn ngħidilkom li, sakemm wasalt id-dar, dik il-pasta tal-lewż diġá kont urejtha d-dlam tal-istonku tiegħi.

Il-biċċa tax-xogħol għoġbitni u, minn dakinhar 'l hemm, tgħidx kemm kont nistinka biex, kull laqxa njam li kien ikun hemm fejn kien jaħdem missieri, flimkien maċ-ċana li kienet tħalli l-varloppa, kont niġborhom ġo xkora u, malli timrtela biżżejjed, erħini mmur biha għand Karmnu tal-Ħobża; ħalli jkollu x'jaħraq, miskin! Mhux hekk? Imma, kif kont inkun ser nitlaq, Karmnu mhux dejjem kien jgħidli biex nieħu pasta u jien, ta' qrempuċ li kont, kont nibqa' nħares lejh sakemm, bi tbissima ħelwa fuq wiċċu, kien jgħidli: "Ħu waħda mit-tilar!" Din il-ħaġa damet sejra sakemm wasalt biex nagħmel il-Griżma tal-Isqof meta Karmnu, darba minnhom, ħasadni xhin staqsieni: "Min ser jagħmillek parrinu tal-Griżma?"

Ma nafx kif, mingħajr ma ħsibtha darbtejn, kont pront għidtlu: "Tridx tagħmilhieli int? " Karmnu tbissem. Lili, ma qalli xejn imma hekk ġara għax, meta qlajtha mingħand l-Arċisqof, il-Monsinjur Mikiel Gonzi, Karmnu tal-Ħobża kien warajjha; biex, suppost, iħarisni minn kull saram u minn kull għawġ. Niftakar li l-parrinu kien tani ċurkett sabiħ li domt nilbsu sakemm baqa' jiġini u, minn dak iż-żmien 'il quddiem, kull meta kont noħodlu xi xkora ħatab u ma kien jgħidli xejn, kont nersaq lejh, norbot idejja, nitolbu l-benedizzjoni tiegħu u hu, filwaqt li jberikni, kien jitbissem u jgħidli biex ma ninsiex nieħu waħda tal-lewż miegħi.

Illum, Karmnu tal-Ħobża, Alla jaħfirlu (jekk kellu x'jaħfirlu!) m'għadux iżjed. Il-post sar ristorant bi kċina tipikament Maltija. Imma jien ma nista' qatt ninsieh u, kull meta ngħaddi minn quddiemu jew immur nieħu xi ħaġa minn hemm, barra li għadni nxomm ir-riħa tal-frolla u tax-xiwi, tistgħu taħsbu kemm tifkiriet ħelwin jibdew għaddejjin minn ġo moħħi.

# Rajt xi ħaġa tiċċaqlaq

**Novella ta' Lina Brockdorff**

Charlie u Tony ma kienx ilhom wisq li daħlu fil-Korp tal-Pulizija meta, lejla minnhom, misshom xogħol flimkien. Kienu jaħdmu l-għassa tal-Mosta u ħtiġilhom jagħmlu ronda bil-karozza madwar Wied il-Għasel, Birguma u lura sal-għassa. Kien ix-xahar ta' Novembru, meta l-jum jiqsar ġmielu; kien diġà qed jidlam meta telqu mill-Mosta. Charlie kien qed isuq filwaqt li Tony kellu jara li, madwarhom, kollox kien sew. Ma kienx xogħol iebes għax, tul it-triq tal-Wied, rari tgħaddi ruħ; kważi kważi tista' toqtol u tidfen.

"Dan kollu telf ta' żmien!" qal, ħin minnhom, Tony.

"Veru imm' aħna jkollna nagħmlu li jgħidulna. Xi trid tagħmel? Mhux aħjar hekk milli salt inkwiet?" Bilkemm laħaq spiċċa l-kelma li Tony ma tefax idu l-leminija bil-ħatfa fuq id sieħbu u qallu b'urgenza, "Waqqaf Chal, waqqaf għax rajt xi ħaga tiċċaqlaq; waqqaf u mur biċċa lura!"

"Int bis-serjetà qed titkellem? "

"Qed ngħidlek, ħu biċċa lura; hemm araha!"

"Tgħid mhux xi kelb jew qattus qed iċarrat xi borża sewda biex ifittex l-ikel?"

"Newwel it-torċ u inżel miegħi! Ejja, ħaffef!"

B'għaġeb kbir tagħhom, indunaw li la kien kelb u lanqas qattus. Kienet tifla ċkejkna bilqiegħda gozz. Ippruvaw jerfugħha imma hi bdiet twerżaq kemm tiflaħ għax beżgħat minnhom. Bilkemm laħqu daħħluha fil-karozza li, fuq ir-*radio*, ma nstemax leħen is-surġent jgħarrafhom li kienet intilfet tifla żgħira. Il-pulizija dritt weġbuh li, lit-tifla, sabuha u li kienu ġejjin biha l-għassa. X'kienet l-istorja?

Denise kienet tifla li, minn twelidha, għexet fl-orfanatrofju tas-sorijiet tal-Mosta; dak li hemm, sewwa sew, wara l-knisja. Kienet tifla gustuża u ubbidjenti, tmur tajjeb ħafna, kemm mas-sorijiet kif ukoll ma' sħabha, it-tfal l-oħra. Darba, meta kellha madwar sentejn u nofs, kienu marru l-orfanatrofju zewġ novizzi tas-sorijiet minn kunvent ieħor biex jagħtu daqqa t'id billi s-sorijiet kienu kollha kibru fl-età. Damu hemm ħmistax-il jum. Dawn in-novizzi ħadu grazzja ma' Denise, l-aktar meta t-tifla bdiet tibki xħin qalulha li ser jitilqu u li ser iddum ma terġa' tarahom. Ġara li waħda minn dawn in-novizzi, jisimha Carrie, tħajret titlob lill-Madre biex tieħu lil Denise u tħalliha għand oħtha, Stella. Din oħtha kienet ftit akbar minnha, miżżewġa imma ma kellhiex tfal. Infatti, hi u żewġha, it-tnejn kienu tħajru jaddottaw tarbija.

Il-Madre tathom parir biex lil Denise joħduha magħhom għal ftit tal-jiem biex jaraw kif tmur ma' dil-koppja li kienu joqogħdu San Pawl tat-Tarġa. Hekk għamlu u, mid-dehra, kemm il-koppja kif ukoll it-tifla kienu kuntenti b'xulxin u bdew jaħsbu biex jiffirmaw kuntratt ta' addozzjoni. Imma la s-sorijiet u lanqas il-koppja ma kellhom xi għaġġla partikolari biex jiffirmaw il-kuntratt. Sadattant, iż-żmien baqa' għaddej u t-tifla kellha erba' snin.



Kien dak iż-żmien li Stella bdiet tħossha ma tiflaħx u żewġha, Benny, beda joħodha mingħand tabib għal għand ieħor sakemm, fl-aħħar, irriżulta li Stella ma kellha xejn serju ħlief li kienet bdiet tqala li ma kinux qed jistennewha. Madankollu, it-tabib taha parir biex, jekk jista' jkun, tqatta' l-kumplament tat-tqala mimduda fis-sodda. Imma ma kienx possibbli li Stella tintefa' fis-sodda meta riedet tieħu ħsieb Denise, tlibbisha u titmagħha.

L-ewwel pass li ħadu kien li Benny ħa gimgħa frank mix-xogħol imma, naturalment, ma setax jibqa' ħdejn martu għal xi seba' xhur u nofs oħra. Beda jirrealizza li kellhom bżonn l-għajnuna filwaqt li, kontra qalbhom, bdew jirraġunaw li ma kienx possibbli jżommu lil Denise għal tul ix-xhur kollha tat-tqala. Qalbhom riedet tinqasam għax, lit-tifla, laħqu ħabbewha bħala binthom. Imma x'setgħu jagħmlu?

Fl-aħħar lejla li, fiha, Benny kien bil-frank, ħasel u libbes lil Denise biex imur sal-orfanatrofju u jkellem lill-Madre. Ma setax iħalliha d-dar meta martu ma setgħetx tiċċaqlaq mis-sodda. U, tiskanta li, malli waslu l-orfanatrofju, iċ-ċkejkna ftakret f'dak il-post minn fejn kienet ilha nieqsa biċċa sew. Ftakret u ma riedet tidħol b'xejn. Għall-ewwel, Benny ma riedx jemmen li Denise ndunat fejn qegħdin.

Meta, fl-aħħar, ħarġet il-Madre biex tkellmu, Denise nfaqgħet tibki u ppruvat taħrab lejn il-bieb ta' barra. Il-Madre bdiet toffrilha l-ħelu u ċ-ċikkulata imma kien kollu għalxejn għax kulma riedet Denise kien li jitilqu minn hemm. Benny bilkemm laħaq ftiehem mal-Madre li ser ikellimha fuq it-telefown dik il-lejla stess wara li torqod iż-żgħira. Kulma xtaq Benny kien li jistaqsi lill-Madre jekk hux possibbli li tirranġalu biex Carrie tmur tgħin lil oħtha tindokra lil Denise sakemm teħles.

Qaltlu mill-ewwel li dak kien impossibbli u li l-unika għajnuna li setgħet toffri kienet li terġa' tieħu lil Denise l-orfanatrofju sa ma Stella jkollha t-tarbija. Kontra qalbhom, Stella u Benny aċċettaw din l-offerta. Marret Carrie għaliha u qaltilha li ser teħodha passiġġata. Tistgħu timmaġinaw kemm werżqet Denise meta reġgħet sabet ruħha lura fl-orfanatrofju. Dritt waħħlitha

f'rasha li, b'xi mod jew ieħor, taħrab minn hemm. Għaldaqstant, it-tifla baqgħet dejjem għajnejha fuq il-bieb ta' barra forsi, xi darba, issibu miftuħ u s-soru purtinara tkun aljenata.
Denise nnutat li l-furnar imur bit-tilar tal-ħobż frisk xħin jibda jidlam u li, dak il-ħin, il-purtinara tkun mehdija tgħodd il-ħobż u l-boroż tal-qagħaq tal-ħmira. Kien dak il-ħin li żgiċċat imma, xħin beda jidlam, bdiet tibża' u ntefgħet tibki taħt ċint fejn sabuha l-pulizija. Meta Stella u Benny semgħu bl-istorja, tathom rashom. Ma jistax ikun li jabbandunaw lil dik it-tifla wara li tant kienu ħabbewha. Reġgħu ħaduha magħhom id-dar wara li xi ġirien wegħedu li ser jgħinu.
Sadattant, Stella u Benny bdew jissuspettaw jekk Denise għadx tkun tgħir għat-tarbija li kienet ġejja. Imma dan ma kienx il-każ għax, sa mill-bidu nett, it-tifla ddikjarat li dik it-tarbija ser tkun tagħha. Kien tifel; semmewh Mario u Denise tant kienet tħobbu li ma kinitx titħarrek minn ħdejh. Qatt ma tathom aktar inkwiet u qatt aktar ma tħajret taħrab bħal dik il-lejla li l-pulizija raw xi ħaġa tiċċaqlaq.

# Dik l-imbierka frejgatina

**Kitba ta' Carmen Dimech**



Tlift ir-raġel tiegħi, Salvu, ftit xhur ilu. Kien ser jagħlaq disgħa u tmenin sena. Kien raġel ta' veru! Dwaru, diġà kiteb ħaddieħor u, meta l-kitba hija waħda ta' tifħir għal xi ħadd li tkun tassew ħabbejt, din isservi bħal raġġ ta' ferħ minkejja li tkun għaddejja minn mument diffiċli.
Meta kien għadu żgħir, Salvu kien jiskarta l-iskola. Flok fil-klassi, kien jippreferi jmur il-*workshop* tal-iskola. Min kien inkarigat hemmhekk kien jiggosta jarah jinteressa ruħu fis-sengħa u kien jinkoraġġih. Minn hemm, beda jitgħallem jisserra, jinċana u jimmartella. Tgħallem iħaddem il-furmatur u juża r-raspa u daqqa jagħmel minċott jew isewwi sopraporta, banketta jew xi siġġu, jew inkella jagħmel xi kaxxa tar-*Rediffusion*, ftit ftit, beda jħossu diġà sar mastrudaxxa. Mhux għaġeb, allura, li, meta kiber, fittex impjieg ma' ditta tal-għamara. Biż-żmien, minn sempliċi sopraporta, Salvu sar raġel tassew tas-sengħa. Imma ma kienx kuntent b'hekk biss għax, bil-mod il-mod, beda jispeċjalizza fir-restawr tal-għamara antika.
Minbarra s-sengħa, ir-raġel tiegħi kellu mħabba oħra; il-baħar. U baqa' hekk sal-aħħar ta' ħajtu. Kull darba li kont ngħidlu biex noħorġu, it-tweġiba tiegħu dejjem kienet, "Immorru fejn trid, basta ħdejn il-baħar!"
Ħutu, it-tnejn kellhom (u għad għandhom) post tal-villeġġjatura u frejgatina. Forsi, għax konna nħobbu nsiefru u l-ftit li konna nfaddlu konna nippreferu nonfquh għalhekk, aħna, la kellna l-wieħed u lanqas l-oħra. Allura, fil-Ħdud u l-festi, il-ħarġa preferita tagħna kienet mawra sa Marsaxlokk. L-ewwel għaxqa ta' Salvu kienet titwila lejn il-bejjiegħa tal-ħut. Kien jgħaġġibni kif kien jaf kull kwalità ta' ħut x'jgħidulu! Imbagħad, nagħmlu s-solita passiġġata fuq il-moll fejn Salvu kien jitkellem mas-sajjieda, qisu kien ilu jafhom mit-tfulija, waqt li jitpaxxa jżebbeġ għajnejh lejn il-qxur ikkuluriti tal-baħar jiżfnu f'wiċċ l-ilma.
Darba fost l-oħrajn, waqaf iħares lejn frejgatina mifqugħa tixxemmex wiċċha 'l isfel mal-art. Magenbha, kien hemm tlitt irġiel jitkellmu. "Tafu ta' min hi din il-frejgatina? " staqsiehom.
"Tiegħi," qallu wieħed minnhom; "qed nistenna t-trakk biex joħduha għall-ħruq. "
"Xi trid tagħha? " kien pront staqsieh żewġi.
L-ieħor bilkemm ma ħasbux qed jiċċajta imma wieġbu: "Tini ħames liri u tista' toħodha; basta tfittex tneħħihieli minn hawn għax qaluli li qed ningombra s-slippa."
Salvu kien pront ħareġ ħames liri mill-but, tahielu, għamilha ċara li ż-żewġt irġiel l-oħra kienu xiehda ta' dak li kien seħħ u serraħ ras dak li biegħlu l-frejgatina li dalwaqt kien ser jiġi għaliha.
Dakinhar, ħrabna lejn Ħaż Żebbuġ qabel is-soltu ħalli jfittex jgħid lil wieħed li kien jaf li kellu trakk biex imorru għaliha. Sadattant, ra kif għamel u battal rokna mill-*workshop* ħalli, la tiġi dik l-imbierka frejgatina, ikollha fejn toqgħod sakemm isewwiha u jisbogħha kif xtaq. Dam madwar sentejn, kuljum, wara ġurnata xogħol, jagħmel dawk is-sagħtejn mgħawweġ ganċ u rasu 'l isfel isewwi fiha. "Ser taqla' dahrek!" kont inċanfru meta kont narah hekk. Imma, kif jgħidu, kull bidu mitmum u, sa fl-aħħar, wara ħafna tiswijiet u rfid u brix u xkatlar u *undercoat* u minju u żebgħa *gloss*, lestiha. Imma qabel reġa' qabbad lil tat-trakk joħodhielu lura Marsaxlokk, għammidha b'isem u anki talab l-Arċipriet ibirikhielu. Tistgħu taħsbu kif baqgħu dawk l-istess tliet sajjieda meta rawh ġej biha ħalli jniżżilha l-baħar. Infatti, dak li kien biegħhielu, ried jerġa' jixtriha lura. "Għid appa!" qallu Salvu. Dik il-ġimgħa stess, waħħlilha mutur *outboard* u, l-ewwel Ħadd fuq dan kollu, għamilna l-*maiden voyage* jien u hu. Il-ferħ fuq wiċċu ma kontx tfissru u, tant kien ferħan li, mill-Ħadd ta' wara, beda drawwa jistieden lil xi ħadd minn ħuti jiġu magħna bil-familja

biex joħodhom dawra. Mhux l-ewwel darba li l-frejgatina laqgħet fiha lili u lil Salvu bit-tlitt itfal tagħna flimkien ma' ħija u l-mara u t-tlitt itfal tagħhom; għaxra minn nies b'kollox. U dan minbarra ħemel basktijiet, siġġijiet u mwejjed li jingħalqu, lożor biex nagħmlu tinda fejn insorġu u l-kelb; għax ma konna mmorru mkien mingħajru. Salvu kien jgħidli: "Għax ma ġġibx il-gwardarobba, għal ftit?"



Darba, kien għaddej stranġier bid-dgħajsa tiegħu u, xħin qorob lejna, lir-raġel qallu: "*Tu sei pazzo!*" Għax il-frejgatina ma kellhiex iktar minn żewġ pulzieri 'l fuq mill-ilma. Imma, meta Salvu kien jintasab fil-poppa, jistartja l-mutur u jaħkem il-loċċ tat-tmun f'idejh, kien iħossu daqslikieku kien il-kaptan ta' xi bastiment.

Konna nerħulha lejn xi post għall-kwiet; xi bajja mhux wisq frekwentata minn nies. Meta naslu, konna ninżlu fuq il-blat jew fuq ir-ramel u nniżżlu kulma nkunu ħadna magħna. Imbagħad, Salvu kien jaqla' ftit 'il barra biex jirmiġġjaha u jinżel fil-baħar biex jiġi ħdejna. Kien jarmali tinda għal naqra dell u jien erħini naqli l-fenek jew il-lampuki fuq kuċiniera b'tubu żgħir tal-gass. Salvu, l-hena tiegħu jew jogħdos għar-rizzi, jew jaqla' l-imħar, jew jistagħad, imqar kemm jaqbad biżżejjed għal platt aljottta. Hekk, Salvu kien ikun fis-seba' sema.

Ġennati għamilna wkoll! Darba, il-baħar kien imqalla mill-qiegħ, il-frejgatina nħallet mill-irmiġġ u resqet lejn il-blat imma, b'xorti tajba, ħlief għal ftit brix superfiċjali ma laħqitx ġarrbet ħsarat kbar. Darb' oħra, kont qed naqli l-lampuki u, f'daqqa waħda, Salvu qalli biex inħalli kollox għax kien qed idur ir-riħ. Jien ma xtaqtx inħalli l-lampuki li kienu qed jaqsmuli qalbi bir-riħa tfuħ imma hu baqa' jinsisti u tant kellu raġun li, f'radda ta' salib, il-baħar tqawwa u mnalla xi sajjieda rmunkawna għax kieku ma konniex nidħlu lura Marsaxlokk b'wiċċ il-ġid.

Għadda ż-żmien u Charlie, ibni l-kbir, kera *boathouse* l-Għadira u ħajjar lil missieru jieħu l-frejgatina hemm. B'hekk, l-ewwel nett, ma jkollux għalfejn joqgħod jaqla' l-mutur kull darba u jieħdu miegħu id-dar u, fl-istess ħin, it-tifel seta' joħodlu ħsiebha. Kemm dam sejjer biha minn Marsaxlokk sal-Għadira ma niftakarx. Li naf żgur hu li Salvu tiegħi ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Ġara li, darba minnhom, it-tifel ittawwal lejn il-bajja imma l-frejgatina ta' missieru ma rahiex. Iġġennen! X'jaqbad jagħmel? X'kien ser jgħidlu lil missieru? Mar jiġri l-għassa mifxul imma, niżżik ħajr 'l Alla, il-pulizija qalulu li ma kellux għalfejn jinkwieta għax kien daħal rapport dwar frejgatina mitluqa mal-mewġ mingħajr ma kien hemm ħadd fuqha u min għamel ir-rapport rabatha temporanjament mal-irmiġġ tiegħu.

Meta r-raġel tiegħi kiber u ma baqax jiflaħ iktar għat-taħbit, għalkemm kontra qalbu, kellu jara kif jagħmel u jehles mill-maħbuba frejgatina. Imma r-ritratt tiegħu bilqiegħda fuq il-bank ta' wara jew, saħansitra, fuq il-bardnell, b'idejh fuq il-loċċ tat-tmun baqa' mdendel mal-ħajt tal-*workshop* qalb il-furmaturi, it-tornaviti u r-raspi sakemm baqgħet ittih is-saħħa. Għalih, dak ir-ritratt kien ifakkru b'ċerta nostalġija fi żmien sabiħ li ma jerġax jiġi.

---

# Il-Preċett ta' Roża

**Rakkont ta' Mary Muscat**




Kien ix-xahar ta' Mejju, ix-xahar meta t-tfal ta' bejn sitta u sebgħa snin kienu jagħmlu l-Preċett. Jien u ommi konna ħerġin mill-knisja meta ltqajna ma' Ġuża fuq iz-zuntier. Dan ma kienx l-ewwel darba u ommi ma kinitx tiddejjaq timxi magħha sad-dar u, sadakittant, jgħidu kelmtejn, għal li jista' jkun! Imma, din id-darba, bilkemm konna sellimnilha meta, b'ċerta ħeġġa, Ġuża qalet, "Il-ġimgħa l-oħra għamilt waħda tinkiteb u tinqara!"

Ommi, kollha mistgħaġba, weġbitha, "Mela x'għamilt?"

"Ħallini," kompliet Ġuża, "għal daqsxejn ma kienx ser jerġa' jkolli xi ngħid ma' ħija Wenżu, wara li konna għadna kemm irranġajna fuq il-wirt t'ommi għax, billi jien l-unika tifla, ħalliethom lili l-par imsielet tad-deheb li kienet tħobb tilbes hi."

"Int ser tgħidli x'għamilt jew ser tkompli ġġibha bit-tul?" staqsietha ommi b'xi ftit ta' frustrazzjoni.

"Inti stenna ftit!" qaltilha Ġuża. "Kemm int bla sabar!"

U, hawnhekk, Ġuża kompliet tirrankonta kif in-neputija favorita tagħha, Roża, it-tifla ta' ħuha Wenzu, għamlet il-Preċett. Ġuża xtaqet ħafna tmur għal din l-okkażjoni tant importanti għat-tifla u, allura, tgħidx kemm ħadet gost meta Marì, mart Wenżu, bagħtet tistedinha. Tkelmet ftit ma' żewġha, Toninu, u ddeċidew li, minflok jixtrulha xi ħaġa li forsi min jaf kemm taqla', jew diġà għandha, bħalha, jagħtuha xi ħaġa tal-flus u, b'hekk, Roża tkun tista' tixtri dak li jogħġob lilha. Ġuża lestiet il-flus f'*envelope* żgħir u poġġietu bil-lest fil-basket tal-alakka li kienet tħobb tuża fil-ħdud u l-festi ħalli żgur

ma tinsiehx.
Billi sebħet ġurnata sabiħa, kompliet tirrakonta Ġuża, iddeċidew li jmorru l-Belt bil-lanċa. Qasmu għal Marsamxett, fejn sabu lil Wenzu jistennihom, u mxew flimkien sal-Oratorju tad-Duttrina, fejn kienu miġburin it-tfal li kienu ser jagħmlu l-Preċett. Roża kienet hemm ukoll; ma' ommha. Tgħidx kemm kienet sabiħa! Kellha libsa bajda twila, bIl-korp bir-refki, ċinta fl-għonq u komma qasira boffa. Id-dublett kellu tliet piegi isfel u, f'qaddha, kellha żigarella maqbuda ċoff fuq wara u, f'rasha, mant qasir miġbud b'ringiela fjuri bojod żgħir.
"Nista' ngħidlek," kompliet tgħid Ġuża, "li kienet qisha anġlu!" Insomma, għaliha, kienet l-isbaħ waħda fost it-tfal kollha li kien hemm. Xħin Roża rat lil zijitha, ġriet għal fuqha u Ġuża faqqgħetilha bewsa fuq il-warda ta' wiċċha.
Mill-Oratorju, it-tfal ħarġu bil-purċissjoni sal-knisja imma, biex żgur isibu post tajjeb, Ġuża, Toninu, Wenzu u Marì għaġġlu 'l quddiem. Tgħidx kemm żejnuh sabiħ l-artal, b'salt bukketti ta' gladjoli, qronfol u ward; kollha bojod.
Wara l-funzjoni, ħarġu fuq iz-zuntier u, hemmhekk, Ġuża ħarġet l-*envelope* mill-basket, tatu lil Roża li newlitu lil ommha biex iżżommulha. Mari' stidnithom biex imorru d-dar ħalli jieħdu bikkerin flimkien qabel jitilqu lura lejn id-dar. Roża, kollha eċitata, urithom ir-rigali li kienet qalgħet, fosthom kuruna tar-Rużarju tal-fidda f'kaxxa ċkejkna, fonti tal-ilma mbierek u Bibbja. Ġuża temmet tgħid li, xħin rat lil Roża daqshekk kuntenta, qalbha riedet toħroġ minn sidirha bil-ferħ.
"U b'daqshekk?" qaltilha ommi, "Mhux kollox sew mar? Mela, għaliex għidtli li paspart waħda tinqara u tinkiteb? "
"U inti stenna ftit!" kienet pronta qaltilha Ġuża; "L-istorja ma spiċċatx hemm! Mela, jumejn wara, jien u Toninu morna mawra sal-Belt u, hemmhekk, erġajna ltqajna ma' ħija Wenzu, ma' martu kif ukoll ma' Roża u dehrilna li kienu pjuttost migbudin. Meta morrna lura d-dar, jien għidt lil Toninu, li jista' jkun li forsi jien għidt xi kelma żejda? Jew forsi ħadu għalihom għax, lil Roża, tajniha flus? Jew forsi għax ippretendew li messna tajniha iżjed? Anki Toninu kien imħasseb.
"Mela l-għada," kompliet tgħid Ġuża, "waqt li Toninu kien qed inaddaf il-gaġġa tal-għasafar, jien qbadt il-basket tal-alakka ħa nnadfu sew qabel nerġa' nerfgħu. Minn ġo fih, neħħejt u qattajt xi karti li ma kellix bżonnhom u, f'daqqa waħda, għajjatt għajta li, biha, lil Toninu qtajtu sitt pulzieri mill-art. "X'waħda din!" għidtlu. "X'biċċa ġrali Tonin! Din tassew tal-mistħija!" Toninu nħasad u ġie jiġri ħa jara x'kien ġara.
Kollni eċitata, għidtlu: "Ara x'sibt fil-basket li kelli nhar il-Ħadd! L-*envelope* bil-flus li suppost tajna lil Roża!"
"Imma jien rajtek tagħtihulha u niftakar ukoll li rajt lil Roża tatih lil ommha biex iżżommulha!" qalli Toninu.
"Hekk hu," għidtlu jien, "imma, bi żball, bilfors li tajtha *envelope* ieħor b'santa tal-Preċett ġo fih li tani xi ħadd mit-tfal meta ħriġna minn hawn biex immorru l-Belt. "
"Mela mhux ta' b'xejn li l-familja ta' ħuk kienu daqshekk miġbudin meta ltqajna magħhom!" lissen Toninu.
"Allura mbagħad x'għamiltu? " staqsietha ommi.
"X'għamilna? " tenniet Ġuża. "Dak il-ħin stess, jien u Toninu biddilna ħwejjiġna u erġajna rħejnilha lejn id-dar ta' ħija. Tgħidx kemm stagħġeb Wenzu meta reġa' rana wara biebu. Imma, wara, tgħidx kemm daħaq bil-qalb meta spjegajnilu l-bawxata li kont għamilt bir-rigal ta' Roża. Imbagħad, ħija għajjat lil Marì u anki lil Roża u reġa' rrakkontalhom il-praspura kollha. Ngħidlek is-sew, ħadt ir-ruħ xħin rajthom jitbissmu u, dak il-ħin stess, newwilt l-envelope ta' veru lil Roża. In-neputija ħadet gost ħafna bil-flus li tajniha u, bi tbissima ħelwa fuq fommha, ja wiċċ ta' broxk li hi, qaltli: "Allura zi, issa trid is-santa lura? " Kulħadd infaqa' jidħaq u jien kont pronta għidtilha li s-santa tista' żżommha bħala tifkira tal-praspura li għamlet iz-żija Ġuża meta Roża għamlet il-Preċett!"



# Sigaretti

**storjella ta' Jordy-Paul Ġellel**

Kien ilu ħamsa u tletin sena jpejjep u, ħafna minn dawk is-snin, għaddihom jipprova jaqta' l-vizzju. Minn kollox għamel! Riżoluzzjoni kull sena? Lanqas jilħaq iqum fl-ewwel ta' Jannar li ma jiksirhiex. Mar għand ipnotista imma kollu għalxejn. Anki joqgħod lura mis-sigaretti fil-Ġimgħa l-Kbira pprova. Tal-inqas, ikollu jum wieħed mingħajr nikotina! Imma lanqas hekk ma rnexxielu. Sakemm għalaq ħamsin! Għal xi raġuni, dakinhar li ċċelebra nofs seklu fid-dinja, irnexxielu jegħleb il-kilba. Ma kinitx faċli imma r-rieda kienet qawwija. Il-pakkett tas-sigaretti, nofsu vojt, baqa' jġorru miegħu imma mingħajr ma jiftħu.
Jumejn wara, kellu appuntament l-isptar. Kien għamel xi testijiet u l-professur ried ikellmu dwarhom, wiċċ imb wiċċ. Tah l-iktar aħbar kerha ta' ħajtu! "Għandek kanċer," qallu mingħajr tlaqliq. Fi ftit sentenzi, spjegalu li kien terminali u li m'hemmx tama ta' fejqan. Forsi kien fadallu ftit xhur oħra ħajja?
"U mhuwiex fil-pulmun għedtli, hux hekk?" staqsa.
Il-professur xengel rasu. "Le, mhuwiex."
Ftit tal-ħin wara, ħareġ mill-isptar, jhewden kif se jispjega lil tad-dar. Dawk kien mingħalihom li ma kellu xejn serju u, infatti, ħadd ma kien mar miegħu. Refa' ħarstu 'l fuq, lejn ix-xemx, qiesu qed igawdiha għall-aħħar darba. Imbagħad daħħal idu fil-but, ħareġ il-pakkett tas-sigaretti u qabbad wieħed.

# The call

**A short story by Liz Bajada**

Ten year old Eva, an only daughter of Karl and Anita Stumpf, lived with her parents in a small village outside Frankfurt. A pretty, smart and intelligent child, Eva was the apple of her father's eye. Karl and Anita belonged to a Jewish community and so, at the beginning of 1933, when Adolf Hitler had wormed his way up to become the political dictator of Germany, his supporters started harassing the Jews. The couple realised that, sooner or later, the atrocities that were taking place closer to their home will reach them and they may have to share the same lot as their Jewish friends. At first, the Jews were being expelled from German-controlled territories but, after 1939, when the war broke out, the Nazis started working on their extermination. Word reached Karl and Anita that transport was being organised to smuggle children out of Germany to England. If their only daughter was to survive, this was an opportunity not to be missed. Both Karl and his wife agreed that Eva must go with those kids who were leaving the country. It was on a cold winter night in February 1939 when Eva, carrying a small bag with essentials, boarded a train bound for Rotterdam. From thence, the children were to be taken all the way to Liverpool Street Station in London where they would be met by volunteer foster parents. In spite of her young age, little Eva was bright enough to realise that that was the last time she would see her parents. This made her very sad.

The scene at the train station in Frankfurt was unforgettable. The children were crying and screaming. Mothers were unable to let go of their little ones who clung to them for dear life's sake. Parents tried to explain to some of them that this was going to be a temporary adventure and that they will soon be coming back home. Eva got on the train and threw herself on the first available seat. This was next to a twelve-year-old boy named Jonathan Joseph, a refugee like herself. The train doors closed, the station master blew his whistle and the train slowly lumbered out of the station carrying its precious cargo; what might have been the future young generation of Germany. Eva and Jonathan sat silent, sad and lonely; both were stunned by the scenes that they had just witnessed. It was Jonathan who broke the ice when he introduced himself to Eva. He told her that his father said that they will be travelling to England and that they would live in the country. Many British families had offered to house kids like them until the end of the war. Eva said that this was the first time that she was travelling outside Germany on her own and, being an only child, it was more difficult for her to be separated from her parents.

When they got on the boat to England, Eva and Jonathan shared the little food they had left and dozed-off on the uncomfortable seats allotted to them. When they woke up the next day, they noticed that the drumming sound



of the boat engine had ceased, which meant that they had arrived in England. The children were herded on to another train and this took them to Liverpool Street station. Volunteer foster parents and other helpers were waiting to pick them up and take them to their new temporary homes. The day was cold, wet, grim and dismal; perfect weather to match the mood!

It was then that Martin and Maggie Bates met Eva and Jonathan for the first time. They had no children of their own and were very happy to host them both. Realising that the kids were tired and hungry, Maggie gave them supper and showed them to their rooms. The next morning, they got up for breakfast and were told that, the following week, they would start attending the village school as they were expected to continue with their studies and learn to speak English as many in England could not speak any German. Jonathan realised that the little English he had studied with his father was going to come to good use, at least, to enable them to communicate with their hosts. Eva was a smart and pretty girl with rosy lips and big blue eyes in a round small face, surrounded by locks of golden hair. She managed to make a good impression with everyone she met. She charmed listeners by her lovely smile and, in spite of her limited knowledge of English, she still managed to get anything she asked for.

Winters soon turned into springs and springs into summers when the weather gets kinder. Both Eva and Jon (as he was now called) had been attending the public school for some years. They had settled down quite well and Jon was a great help to Eva, especially with their homework. No wonder then that they both managed to do quite well by the end of each scholastic year. In this way, time passed and the war was, finally, over.

“Great news Mag,” said Martin to his wife, “it’s over and the armistice will be signed on 7th May”. It was 1945; a very long six years since the war had started and this was certainly great news.

Eva and Jon realised that the time had come for them to return home. However, when enquiries were made, they both received the same sad news that their parents were not among the few survivors found at Auschwitz. Some six million people had been exterminated in the various concentration camps. By now, sixteen year-old beauty Eva had met a boy from her school and was hoping to get married as soon as she became of age.

On the other hand, eighteen-year old Jon, wanted to further his studies. He had grown into a handsome young man, six foot tall, auburn curly hair, green eyes and with an athletic figure to match. His ambition was to become a Rabbi, like his father. He discovered that the university course he needed cost a lot of money and he was not going to ask for further help from his kind foster parents. He preferred to get a job and earn his own keep. A post of teacher became vacant at a Franciscan convent school for young children. Jon applied and was accepted.

But schooling was not the only item on the convent’s agenda. The war had left many orphans and single mothers homeless, poor and hungry. This was another facet that the friars were concerned with and, needless to say, Jon, who knew very well what it meant to be fatherless, decided to give it his all. Mr Joseph, as the children called him, became very popular with everyone; the friars, his colleagues as well as the students. He was given a room at very low rent in the convent thus avoiding having to commute to and from work. His days were very hectic with planning the following day’s lessons, correcting the students’ exercises and seeing to his other daily needs. On fine evenings, he took a stroll in a nearby park where he enjoyed the fresh air as he listened to the twittering of the birds before settling down for the night. He would then return to his room, say his daily prayers which his father had taught him from a very young age, and go to sleep so as to rise early the following day.

One evening, on his way back from the park, he heard the friars singing the evening prayers in the chapel. He was intrigued to see what this chanting was as he had never heard such beautiful music anywhere else. Very quietly, he slipped inside the chapel and took a seat nearest the door. The Rector, Father Matthew Simms, who led the prayers in the pews, spotted him but he carried on as if he had seen nothing out of the ordinary. Months passed and Jon’s calls to the little chapel continued until, one morning, after a staff meeting, he went to see the Rector.

“Excuse me father, do you have a moment for me, please? ”

“Certainly,’ was Fr Matthew’s reply. “What is it, my son?”

“Did I ever tell you that I am a Jew and that my father was a Rabbi?”

“No,” was Fr Simms’ gentle reply. “Why?”

It was then that, for the first time since he had left his native land, Jon opened his heart to anyone. Timidly, he went on, “I had to flee my country just before war. My parents ended in Auschwitz as it was not possible for them to leave Germany when they decided to do so. This made me very angry and, although I was fostered by two kind English people who did all they could to ensure that I lacked for nothing, I still felt that I was cheated of my childhood. I felt that something inside me was missing. ” Here Jon stopped and looked at the good Fr Matthew as if he was not sure how best to express what he was about to say next. But then, he took heart and continued. “What I am trying to say is that, since I have started living and working here, I have felt more at peace with myself. I don’t know why but, here, I am always very eager to see all of you friars. The children give me a scope in life and I get immense satisfaction in everything I do. As I’m sure you’ve noticed, I have also been sneaking in your evening service and I don’t mind confessing that, at times, I also recite parts of the daily prayers with you. It’s all so beautiful! In short Fr Matthew, I would very much like to get to know more about your Order and your faith.”

Fr Matthew smiled at Jon and, by way of an answer, he reached out for some books, handed them to him and said, “Have a look at these and, then, should you wish to discuss anything or, if you have any questions, do not hesitate to come to my office and we will talk some more.“

While Jon carried on with his teaching, he also devoured the books that the Rector continued to supply. Eight years later, at the age of twenty-seven, Mr Joseph was ordained a Franciscan priest and was assigned missionary work in his native Frankfurt.

God does, indeed, work in mysterious ways and we can never see the full picture He has for us before He gives it the last stroke of His divine brush!





# TISLIBA Nru.107

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Mhux antik (6)
5. Ħadida li sibb wara xi bieb ta' barra (6)
10. Padrun; Sinjur (3)
12. Imħar u bosta aktar minnhom (5)
14  Għallem; Ta skola lil (5)
15. . . . Seracino - Inglott (4)
16. L-Iran inqasam! (2)
17. Hekk Għamilt biex naqla grazzja (5)
19. Dan jirreċta fuq il-palk (5)
22. Żarżari (8)
24. Waqaf fuq riġlejh (3)
25. Sensiela ħoloq imdaħħlin f'xulxin (6)
28. Dawn bla mitġija; Sfaċċati (5)
31. Karrozzella għall-ġarr tal-mejtin (5)
33. Bla minsusin (7)
35. Hwawar (5)
37. Nofs << S >> (2)
38. Inqas minn kaptan (6)
39. Mhux passiv (5)

**Weqfin:**
2. Forma ta' bajda (5)
3. << S >> (4)
4. Quddiem is-S. S Sagrament meta jkun espost, aħna nkunu qed . . . lil Alla (7)
6. Qalfat il-barra (5)
7. Makakki; Brikkuni (6)
8. Santa. . . tal-Bambin Ġesu' (6)
9. Ġo *villa* hemm bosta minnhom (6)
11. Parti mid-driegħ tiegħi (3)
13. Tbaxxija tal-prezz (7)
18. Pistoli; Azzarini etċ. . (4)
20. Tgħarraq (7)
21. United Arabian Territories (1. 1. 1)
23. Għandu s-setgħa; Msemmi (9)
26. Rdum; Għammieq (6)
27. L-Aqwa grad; Rekord (6)
29. Mhux imħolli jaħdem bil-liġi (6)
30. Mħassar; Preskritt (6)
32. Ma ħalliex ġdid (3)
34. Il-Kaptan tat-tim tar-Roma (5)
36. Ġett ingliż! (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 106 intrebħet mis-Sur J. Cordina, Hamrun **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 106**
**Mimdudin: 1** uragan, **5** żbalja, **10** lat, **12** aħtaf, **14** futur, **15** smin, **16** su, **17** truxa, **19** dover, **22** ubikwita, **24** iva, **25** statwa, **28** abram, **31** illum, **33** element, **35** aqdef, **37** si, **38** attent u **39** strat.

**Weqfin: 2** raħli, **3** golf, **4** nettunu, **6** batut, **7** adurat, **8** fissed, **9** barbi, **11** aus, **13** frustat, **18** grat, **20** vitella, **21** eva, **23** wwajerjat, **26** amalfi, **27** kredtu, **29** maturi, **30** sinsla, **32** mod, **34** evita u **36** est.



# Żewġ minuti kollox

*F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkontalna żewġ ċajtiet*

**L-ewwel qrara għand il-Kappillan**

Kappillan irtira wara ħamsa u għoxrin sena jmexxi l-parroċċa u għamlulu festin. Mistednin l-irjus kbar tar-raħal, inkluż is-Sindku. Peress li s-Sindku ttardja xi ftit, il-Kappillan deherlu li kellu jgħid kelmtejn sakemm jiġi. Beda jirrakkonta kif l-ewwel impressjoni tiegħu tal-parroċċa l-ġdida ħadha wara l-ewwel qrara li sema.
Proprju l-ewwel persuna rrakkuntatlu sensiela ta' dnubiet, fosthom serq mingħand il-ġenituri kif ukoll mingħand l-imgħallem tiegħu; kif kien anki jaqlibhielu mal-mara; li kien jieħu d-drogi u dnubiet oħrajn. Wara dil-qrara, il-Kappillan ħaseb li kien ġie f'infern imma ma damx ma ntebaħ li mhux il-parruċċani kollha kienu hekk, anzi, il-kuntrarju.

Appena spiċċa jitkellem il-Kappillan, daħal is-Sindku b'nifsu maqtugħ. Kulħadd infexx iċapċaplu. Issa, kien imiss lilu jgħid kelmtejn. "Kif qatt nista'ninsa l-miġja ta' dan il-Kappillan il-ġdid?" qalilhom. "Għandi l-unur u l-privileġġ ngħid li jien kont l-ewwel persuna li tlabtu jqararni!"

**Waqt kunċert tal-U2 fi Glasgow**

Waqt kunċert tal-grupp famuż U2, il-leader Bono talab 'l udjenza biex iżommu mument ta' skiet. Fis-silenzju, beda jċapċap idejh. Waqt li żamm lill-udjenza fi skiet perfett, instema' jgħid: "Kull darba li nċapċap, fl-Afrika, imutu tifel jew tifla!"

Instemgħet vuċi mill-ewwel ringiela tikser is-silenzju li qaltlu: "Mela waqqaf dak iċ-ċapċip! Kemm int krudil!"

**Għaliex is-skiet fil-knisja**

Waqt lezzjoni tad-duttrina, l-għalliema staqsiet lit-tfal għala huwa meħtieġ li nżommu s-skiet meta nkunu fil-knisja? Waħda mill-bniet l-aktar bravi, qabżet u qalet: "Biex ma nqajmux ix-xjuħ li jkunu qed jieħdu nagħsa!"

**Talba ta' qabel l-ikel**

Il-familja Micallef kellhom il-mistednin għall-ikel. Qabel bdew, l-omm daret fuq it-tifla ż-żgħira u qaltilha biex, illum, tkun hi li tgħid it-talba ta' qabel l-ikel. "Jien ma nafx x'naqbad ngħid, Ma," weġbitha t-tifla.

"Inti għid dak li tisma' lili ngħid!"

It-tifla għamlet idejha ma' xulxin, għalqet għajnejha u, bl-akbar devozzjoni, qalet: "Mulej, x'fettilli nistieden dawn in-nies kollha? "

# Pitturi famużi

**Kitba ta' Vincent Piccinino**

**Joseph Turner 1775 – 1851**



*Joseph Turner self portrait 1799*

Joseph Turner, pittur Ingliż li jappartjeni għall-Moviment Romantiku, twieled f'Covent Garden, Londra, fit-23 t'April tal-1775 u, tista' tgħid li, għex ħajtu kollha ġewwa Londra. Ommu kienet tbati minn disturbi mentali u, fl-1799, daħlet fi sptar tal-moħħ fejn mietet fl-1804. Missieru kien barbier u jagħmel il-parrokki.

Sa minn kmieni, iċ-ċkejken Joseph mill-ewwel wera li kellu talent kbir għat-tpinġija. Ta' ħdax-il sena, missieru kien jesebixxi t-tpinġijiet ta' ibnu fil-ħanut tiegħu u kien anki jbigħhom lill-klienti għal ftit xelini. Fl-1789, Joseph daħal jistudja fl-Akkademja Rjali tal-Arti ta' Londra u, sena wara, kien aċċettat minn Sir Joshua Reynolds. Fl-istess sena, jiġġifieri fl-1790, Turner esebixxa l-ewwel xogħol artistiku tiegħu meta kien għad kellu biss ħmistax-il sena.



*Tintern Abbey 1795*

F'karriera artistika ta' madwar sittin sena, Turner pinġa ħafna pajsaġġi immaġinattivi u, xi kultant, anki ta' natura turbulenti. Il-tpinġijiet tiegħu huma x'aktarx kuluriti, imdawlin, kważi trasparenti u efimeri. Joseph Turner kien wieħed minn dawk li influwenzaw lill-Pitturi Impressjonisti Franċiżi, speċjalment, lil Claude Monet. Kien jaħdem b'mod assidwu, jevita n'nies, is-suċċess u l-fama u ħalla warajh iktar minn 550 pittura taż-żejt, madwar 2,000 akkwarelli u xi 30,000 tpinġijiet u skizzi fuq il-karti.

Aħna, Malta, darba kellna kwadru ta' Joseph Turner impitter biż-żejt. Kien fil-Mid-Med Bank imma, qabel dan inbiegħ lill-HSBC, ma konniex kapaċi noħduh u npoġġuh f'postu, fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Illum, min jaf xi trid biex terġa' takkwistah lura.

Bħala personalità, Joseph Turner kien bniedem riservat ħafna. Iktar ma kiber, iktar sar kontroversjali, eċċentriku, pessimist u reklussiv. Fl-1841, biex żgur ma jgħodduhx preżenti f'ebda dar, ħareġ bid-dgħajsa u baqa' f'nofs ix-xmara *Thames* sakemm għadda ċ-ċensiment li kien qed isir dik is-sena. Baqa' qatt ma żżewweġ għalkemm kellu relazzjoni mas-seftura tiegħu, li kienet armla, u li, minnha, kellu żewġt itfal bniet.



*The Fighting Temeraire tal-1838*

Kemm fis-sena 2003 kif ukoll fl-2004, il-pittura taż-żejt, *The Fighting Temeraire,* ta' Joseph Turner, kienet ivvutata bħala l-aqwa pittura tal-arti Ingliża minn votazzjoni pubblika organizzata mill-BBC.

Joseph Turner ħalla din id-dinja fid-19 ta' Diċembru tal-1851, fl-età ta' sitta u sebgħin sena, u jinsab midfun f'*St Paul's Cathedral* ta' Londra maġenb il-qabar ta' pittur ieħor Ingliż, Sir Joshua Reynolds.